**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 138 / 2021**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Katrina Bugeja**

**<u>Illum 20 ta'Lulju, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Katrina Bugeja detenur tal-karta tal-identita Maltija 426494 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> B'diversi atti magħmula minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, imma li jiksru l- istess dispożizzjonijiet tal-ligi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-
>
> 1. Talli bejn ix-xhur ta'Ġunju 2017 u Diċembru 2017 u fi żmien ta' qabel u wara, ġewwa tas-Sliema u kif ukoll fi bnadi oħra Malta u Għawdex u f'dawn il-Gżejjer approprjat ruhha billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra is-somma ta' madwar €17,209.34, somma ta' haddiehor u cioe' tal-

kumpanija/soċjetà magħrufa bħalha Malta Public Transport, jew ikkunsinnata lilha b' titolu li jgib miegħu l-obbligu ta' radd tal-ħaga jew li jsir minnha użu speċifikat meta l-ħaga giet fdata jew kunsinnata lilha minħabba professjoni, industrija kummerċ jew amministrazzjoni kariga jew servizz u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi bi hsara ta' Malta Public Transport għamlet xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija Katrina Bugeja sabiex tirrestitwixxi lill-parti offiża kull haga minnha misruqa jew li hi kienet xjentement laqat għandha b'ricettazzjoni jew akkwistat bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li tħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 15A(1) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-31 ta' Jannar, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 476(2) u 525 tal-istess Kodici iddecdiet li tillibera lill-appellata, minn kull imputazzjoni u htija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Frar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tichad l-aggravji kollha u t-talba rizultanti fil-konfront taghha fit-totalita' taghhom filwaqt illi tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023).

Rat l-aggravji tal-appellant Katrina Bugeja li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**L-Aggravji:**

Illi fid-9 ta' Frar tas-sena 2023, l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat b'mod car u manifest bid-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, fejn permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita, inter alia, hija għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-provi kif migjuba li fil-fatt waslet ghall-helsien tal-imputata mill- imputazzjoni migjuba kontriha u għaldaqstant l-esponent jinterpona dan l-umli appell;

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita ghamlet apprezzament żbaljat tal-fatti kif migjuba u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi li fil-fatt waslet għall-ħelsien tal-imputata mill- imputazzjonijiet migjuba kontra tagħha minħabba li, skond dik l-Onorabbli Qorti, il-fattispeċje dan il-każ u l-provi prodotti ma jinkwadrawx wriehhom fir-reati ta' frodi u f'ta approprjazzjoni indebita iżda fir-reat ta' serq, liema reat ma ġietx akkużat bih l-imputata;

Illi l-ewwel Qorti iddecidiet li tillibera lil Katrina Bugeja minn kull reat kif ipprospettat mill- Prosekuzzjoni għaliex fil-fehma tagħha:

> "*Fid-dawl ta' dan l-insenjament, m'hemmx dubbju li kemm il-darba Bugeja għandha tinstab hatja li qatt ma depozitat id-disa' boroż li saret riferenza għalihom, boroz kontenenti xiri ta' biljetti/ servizzi mingħand il-kumpanija Malta Public Transport, izda hadithom u zammilhom ghaliba, il-fattispeje ta' dan il-kaz jinkwadraw wriebom mbux fir-reat ta' frodi - fejn l-ingann da parti tal-imputata hu għal kollox mankanti - langas f'dak ta approprjazzjoni indebita galadarba ma jinkonkorrux l-elementi sostantivi ta' dan ir-reat.*

*Ghal kuntrarju l-fatti tal-kaz jinkwadraw perfettament fir-reat ta' serq fejn l-imputata qed tiebu flejjes mgboddija lilha minghajr il-kunsens tal-MPT, minghajr l-intenzjoni li tirritornabom, biex taghmel glicgb minnhom.*

*Dawn huma l-elementi tar-reat ta' serq li kellha tigi akkużata bib L-imputata. Minflok l-imputata giet akkuzata b'reati ta' frodi w approprjazzjoni indebita.*

*Isegwi li l-Qorti hi prekluza milli tikkunsidra jekk jistax jirrizulta r-reat ta' serq peress li l-artikolu 476(2) tal-Kodiċi Kriminali mhux wiehed mid-dispożizzjonijiet li gew rezi applikabbli għal Qorti tal-Magistrati bis-sabba tal-artikolu 525 tal-istess Kodiči.*

***Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputata minn kull htija w piena."***

Illi l-esponent ihossu aggravat dwar il-fatt li kull punt mill-parti motivazzjonali tas-sentenza kif ukoll il-paragrafi li jsegwu fil-parti disposittiva huma interpretazzjoni u apprezzament hziena tal-ligi u tal-fatti kif irriżultaw mill-atti processwali. Għaldaqstant, kull punt ħa jiġi trattat b'mod separat wieħed mill-ichor.

Illi l-ewwel nett l-esponent umilment jippremetti li hu importanti li wiehed josserva kif l- Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tagħmel analizi bir-reqqa tal-elementi tal-Artikoli <u>kollha</u> li bihom l-imputata giet akkużata bl-akkużi odjerni u cioe' *inter alia* l-ksur tal-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310(1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi jekk wiehed jeżamina l-atti proċesswali *in funditus* jirriżulta bl-aktar mod car illi l-elementi tar-reati kontemplati *inter alia* fl-Artikoli 293 *et seq* kif delineati fin-nota tar-rinviju għall- gudizzju tal-esponent datata 28 ta' Settembru 2022, jissussistu u dan

stante li l-appellata fiz-żmien u fil-lok fuq indikat effettivament wetqet *approprjazzjoni indebita* kkwalifikata bil- kariga billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna ohra s-somma infraskritta fis- sentenza appellata, liema somma kienet tappartieni lill-kumpanija Malta Public Transport. Jirriżulta illi din is-somma kienet ikkunsinnata lill-appellata b'titolu li jgib miegħu l-obbligu ta' radd tal-haga jew li jsir minnha użu speċifikat meta l-haga giet fdata jew kunsinnata lilha minħabba professjoni, industrija, kummerċ jew amministrazzjoni, kariga jew servizz. Jirriżulta wkoll li anki l-elementi tal-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali jissussistu u dan stante li fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi l-appellata għamlet xi qliegh ichor b'qerq, bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jibda billi jingħad preliminarjament li din l-Onorabbli Qorti rinfaccjata bil-preżenti appell hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u ma tbiddilx 1- apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Magistrati **meta** dik il-Qorti tkun legalment u ragionevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Din hja l-pożizzjoni dottrinali u ta' konswetudni guridka li giet abbraċċjata mill-Qrati tagħna, kif gie stabbilit fis- sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar 1-21 ta' April 2005:

> "*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din ilQorti li bija ma tiddisturbax l- apprezzament dwar il-provi maghmul millewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragionevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni flapprezzament tal-provi exercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragionevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghallkonkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemba, ma setghet ragionevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliba, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*"

Illi wkoll fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament ippresjeduta nhar id-29 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. William Mifsud'** iddeċidiet hekk:

> *"Illi l-Ligi tafda l-eżercizzju tal-analizi tal-provi f'idejn il-Qorti talMagistrati. Dan peress li l-Qorti tal- Magistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha ghax, normalment, tkun ghexet personalment il-process quddiemba. Hija tkun setghet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemba - baga li din il-Qorti ma kellbiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa ghaqli li l-Ligi thalli principalment dan l-eżerċizzju ta' analizi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Magistrati; liema eżerċizzju buwa importanti bafna u li din il-Qorti ttib il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jigi disturbat kif gieb u lahaq."*

Cio' nonostante, kif soffermat minn dik l-istess Onorabbli Qorti kif presjeduta nhar id-29 ta' Settembru 2020:

> *"Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati billi tara jekk u safejn, bis-sabha tal- provi li jkunu gew migjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, setghetx dik il-Qorti legalment u ragonevolment tasal ghall-konklużjoni milbuqa minnha fis-sentenza taghha. Biex tagħmel dan ix-xoghol ta' revisjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemba, il-Qorti tal- Magistrati setghetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.*
>
> [...]

***Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal- provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfacenti li tistrieh fuq dawk il- konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi (enfasi tal-esponent)"***

L-esponent ma jistax ma jagħmilx riferiment ukoll għall-prinċipju tas-sikurezza li ġie approfondit fis-sentenza suċċitata in diżamina. Dan il-prinċipju jibqa' jippermani sakemm il-Qorti adita sabiex tiddikjara htija fil-persuna akkużata tagħmel l-eżami tal-provi migjuba quddiemha:

*Meta jigi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi procedimenti kriminali, l-Imballef William Harding kien xi drabi jirreferi ghal dal-kundett bhala l-principju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl- ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak ilkaż, in bazi ghall-provi migjuba quddiemba bija setghet tasal b'sikurezza ghall- konkluzjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jigi pruvat in bazi għal suffiċjenza probatorja lil binn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk dik il-Qorti gja fl-1957 kienet imrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil binn minn kull dubju dettat mir-raguni, kif ukoll illum rifless fil-gurisprudenza laktar recenti fl-Ingilterra u Wales.*

*U huwa biss meta jkun hemm* ***id-dubju veru, bażat fuq ir-raguni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, cjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diligenza u b'mod imparziali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu gew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża (sottolinear tal-Onorabbli Qorti citata)*** *li mbagbad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil binn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlabaq; u li allura bhala konsegwenza,* ***il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-hati tal-akkużi miġjuba kontrih.***

Finalment, allaċjat ma' din il-punt gie affermat fis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Joseph Thorne** 'illi "*mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunjati fl- artikolu 637 tal-Kodici Kriminali*".

**a. L-Ewwel Aggravju - Apprezzament żbaljat tal-fatti prodotti**

Illi fl-umli fehma tal-esponent l-Ewwel Onorabbli Qorti żbaljat fl-apprezzament tagħha tal- provi u fl-interpretazzjoni tal-liġi meta qieset illi l-fatti tal-każ ma jinkwadrawx ruħhom fir- reati kif addebitati lill-appellata b'mod illi waslet għal verdett li la hu wiehed sigur u lanqas sodisfacenti. Illi jekk wieħed jara l-atti proċesswali jirriżulta bl-aktar mod car illi l-elementi tar-reati kontemplati fl-artikoli 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali jissussistu u dan kien pruvat skont il-livell ta' prova rikjest fi proċeduri kriminali.

1. Dwar l-ewwel punt li għamlet il-Qorti, u cioe';" *galadarba s-safe kien jinfetab esklussivament minn ufficjal ta' City Security - li kien bu biss li jiġbor dawk il-boroz depozitati fib u jnizzel is-serial number taghhom fuq l-ircevuta-il-fatt li t-ticket agent ma*

*ffirmax ghal borza li ma kienitx gos-safe in the first place, ma jimmilita xejn favur la teżi ta' xi naha jew obra."*

Bid-dovut rispett, l-esponent umilment ma jikkondividiex din il-fehma. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellata kienet ben konsapevoli mill-mansjonijiet tagħha bħala *sales agent*' mal-Malta Public Transport. Fl-istqarrija li rrilaxxjat nhar 1-20 ta' Diċembru 2018, meta mistoqsija mill-Pulizija fiex kien jikkonsisti x-xogħol tagħha u jekk hi kinitx timxi mal- procedura *o meno* l-appellata qalet hekk:

> ***T: Kont inbiegħ il-biljetti mal-ġurnata, filgħaxija għal xis-6.30pm kont nibda naghlaq il-cash, nara li nkun qlibt, nitfa' l-flus go borża u go s-safe. Kont nibghat email lil tal-financial department bil-pack number u bl-ammont li ddepożitajt go fih. Kont nitfi u naghlaq u mmur d-dar.***

Meta mistoqsiha dwar x'kienu jagħmlu tas-City Security meta kienu jiġu għal flus li hi stess kienet tiddepozita, jingħad hekk:

> **T: Ġewwa l-booth kien jidhol security wiehed, jiehu l-boroż tal-flus mis-safe, mbaghad kif ilesti, kien itieni karta niffirma u kont npoġġi din il-karta go ġenb fuq bank.**

Illi għalkemm ftit wara hija tistqarr illi ma kinitx taf x'kien isir mill-karta li kienu jtuha l- addetti tas-*City Security*, jibqa' l-fatt illi hi stess tirrikonoxxi l-ħtieġa li tali proċedura u cioe' dik li tiffirma għal boroż tiġi segwita. Hija kellha l-obbligu fiduċjarju, oltre dak kontrattwali tal-impjieg tagħha[3] kif ulteriorment imsahhah minn *Employee Handbook*, sabiex tagħmel dan. Jirriżulta ukoll li din il-proċedura kienet tiġi adoperata minn *sales agents* impjegati mal-istess kumpanija u dan kif joħroġ mix-xhieda guramentata ta' Rita Bonavia li fl-istess inkarigu li kellha l-appellata, tirrimarka:

**P**: *Inti semmejtielna ara fhimtekx sew, illi qabel kienu jieħdu l-envelope intom kontu tiffirmaw fuqhom. Nagblu?*

**R.B: Meta hu jieħu li għandu jiehu mis-safe jikteb fuq ir-receipt book u jtuna l-karta biex niffirmaw fuqu.**

**P:** *U intom kontu tiffirmaw fuqhom?*

**R.B:** ***Iva.***

**P**: *Issa igifieri qed nghid sew li at a specific point in time persuna waħda biss tista' tiffirma hux bekk?*

**R.B:** ***Ehe, ovvja.***

Illi dan ukoll jinsab korroborat mix-xhieda tal-Financial Controller tal-Malta Public Transport **Aaron Falzon** illi fix-xhieda tiegħu tat-3 ta' Mejju 2021 jikkonferma illi:

> *"Issa dawn il-boro wara li jinġabru minn kumpanija indipendenti li jisimha CITY Security, meta jingabru CITY Security jaghti karta lit-ticket booth seller fejn is-CITY Security officer jikteb fuq il-karta l-boroż li jkun qed jigbor minn gos-safe. L-istess safe ma jistax jinfetah jekk ma jkollokx pin u cavetta. Il-pin kien ikun ghand ic-CITY Security u e-cavetta kienet tkun ghand is-sales agent* ***jiġifieri dawn waħda mingħajr l-iehor ma setgħux jiftħu s-safe. Meta jinfetah is-safe jingabru l-boroż, CITY Security jikteb fuq karta x'boroż qed jiġbor, jikteb id-data ukoll u <u>jiffirmaw kemm is-CITY</u>***

***<u>Security officer u kemm ukoll is-sales agent. Jiġifieri s-sales agent ikun jaf x'boroż qed jingabru dakinhar."</u>***

Wiehed irid iqies ukoll ix-xhieda tal-addetti tac-*City Security* fosthom ix-xhud **<u>Joseph Grima</u>** li fit-23 ta' Settembru 20216 jikkonferma li l-irċevuti kienu jiffirmawhom, apparti l-persuna responsabbli min-naħa tas-*City Security*, ukoll "min kien ikun fil-post - jekk il-posta, tal- posta, ***jekk hu ticket booth, tat-ticket booth***, jekk hu xi ħanut, tal-ħanut." Kif jittestimonjaw l-emails stess li kienet tibgħat l-appellata bl-*ispreadsheets* (li kif spjegat minn Aaron Falzon kienu parti mix-xogħol tal-appellata li kienet timla' fuq l-excel sheet il-bag number li jkunu iddepozitaw8) dan kollu għandu l-qofol probatorju tiegħu meta wiehed jizen kif wara l-akkadut kien hemm Rita Bonavia, sales agent fuq xogħol, illi kienet qiegħdha taħdem u tiddepożita l-boroż tagħha ukoll. Fis-7 ta' Gunju 2017 ma kien hemm ebda gbir għaliex kienet festa pubblika mentri fil-ġurnata ta' wara ossia fit-8 ta' Ġunju 2017, l-appellata kienet impenjata fuq xoghol kif inhu evidenti mir-roster". Dakinhar stess jirriżulta li meta gie l-addett tas-CITY *Security* jieħu l-boroż l-appellata kienet iffirmat għall-borza waħda[10]. Jirriżulta li imbagħad l-appellata kienet ziedet illi ddepozitat borza oħra, liema borza kienet instabet fis-safe ta' Rita Bonavia. Għalhekk, l-appellata iffirmat għal żewġ boroż meta kienet taf illi kellu jkun hemm b'kollox tlett boroż[11] kif gie konfermat minnha stess fir-ricevuta datata 11 ta' Diċembru 2017 bil-firma tagħha u bil-kwantita' indikata ta' 'żewġ boroż[1?]' u fil-korrispondenza tal-15 ta' Diċembru 201713. Kif rilevat minn Aaron Falzon, dan il-fatt irripeta ruhu ferba' istanzi oħrajn fejn kien ikun hemm borża nieqsa fil-ħin li l-appellata kienet tkun fuq xogħol u meta l-appellata xjentement kienet taf kemm kien ikun hemm boroż[14]. L-Ewwel Onorabbli Qorti stess staqsiet lill-Falzon jispjega kif inhu minnu li l- appellata setgħet tkun taf kemm kien hemm boroż[15], għal liema spjegazzjoni mogħtija mix- xhud l-istess Qorti kienet soddisfatta[16]. Illi *se mai* din timmilita versu t-tezi li l-appellata agixxiet b'agir frawdolenti.

Illi kwantu għall-osservazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-appellata Bugeja ma ffirmatx għal borża għaliex din ma kinitix fis-safe, jingħad illi dan sehh proprju

għaliex kienet 1- appellata (u l-appellata waħedha) li fil-ħin tax-xogħol tagħha hadet il-pussess ta' dawn il- flus, kif gie rikonoxxut mill-Ewwel Onorabbli Qorti. L-istess scans tac-chits[17] li kienu għaddew is-CITY *Security* lill-Malta Public Transport jikkonfermaw li dawn il-boroż qatt ma ngabru min-naħa tagħhom 18. Huwa proprju għalhekk li dan il-fatt jimmilita favur it-teżi li l- appellata abbużat mill-obbligu fiduċjarju tagħha li hu l-essenza tar-reat ta' approprjazzjoni indebita kif addebitat, liema elementi jinsabu spjegati fit-tieni aggravju.

Illi għalhekk u fuq dan il-punt l-ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata fl-analizi u fl-apprezzament tal-fatti kif migjuba quddiemha meta għamlet din il-konsiderazzjoni.

2. Dwar it-tieni punt li għamlet il-Qorti, u cioe';" *Il-pern tal-każ kollu jistrieb fuq il-fatt li boroż li suppost kellhom ikunu gos-safe u li tal-kontenut taghhom l-imputata baghtet daily settlements, inkluż bis- serial number tal-borza in kwistjoni, ghal liema deposit bags kienet responsabbli qatt ma nstabu fis-safe minn City Security.*"

Illi b'kull dovut rispett, l-esponent umilment jikkontendi li l-pern tal-każ jistrih fuq l-abbuż tal-fiduċja li kienet rimessa esklussivament fidejn l-appellata bħala impjegata tal-Malta Public Transport. Huwa ben saput li l-abbuż tal-fiduċja huwa wieħed mill-principji kardinali tal-approprjazzjoni indebita li jippreżuponi att ta' responsabilita' ta' *bonu spaterfamilias*. L istess responsabilita' li l-appellata kellha għad-*deposit bags*, kif pronunzjat mill-Qorti tal- Prim'Istanza stess, u li l-provi kollha prodotti fl-atti proċesswali jindikaw b'mod inkontrovertibbli li l-istess *deposit bags* ma nstabux mhux minħabba xi kazwalita' inattribwibbli għall-appellata iżda proprju minħabba li kienet l-appellata stess li żammet il- flejjes li rċiviet daqs li kieku kienet s-sid tagħhom u dawret dawn l-istess flejjes, li hi biss seta' jkollha aċċess għalihom f'dak il-hin tal-akkadut, bi profitt għaliha innifsha u b'użu divers minn dak intenzjonat mill-kumpanija u manifestat lill-appellata *qua* impjegata.

Illi għalhekk u anki fuq dan il-punt, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata fl-analiżi u fl-apprezzament tal-fatti kif migjuba quddiemha meta għamlet din il-

konsiderazzjoni u meta qieset illi l-pern tal-każ kollu jistrich unikament fuq is-semplici fatt illi l-boroż li kellhom ikunu gos-safe qatt ma nstabu fis-safe minn *City Security*.

3. Dwar it-tielet punt li għamlet il-Qorti, u cioe'; "*Gie pruvat li kienet Bugeja li reviet il-flejjes minn klijenti tal-kumpanija, flejjes li għalkemm li baghtet rendikont taghhom fi tmiem il-ġurnata ta' xoghol tagħha, ma sabux posthom fis-safe li suppost kellhom jigu depozitati fib. Il-Qorti ma temminx li l-imputata ma kienitx konxja tal-importanza tal-ircevuti li kienu l-prova li dak depozitat minnha effettivament ingabar mill-kumpanija. Ma kienitx xi novizja w l-importanza li jigi indikat serial number gharfitu propju meta l-ammont iddepozitat kien jigi indikat fuq id-daily settlement sheet flimkien mas-serial number tal-borza li tagħha kellha kull interess iżomm l-ircevuta/ id-detachable slip tal-parti ta' fuq li fuqha kien hemm riprodott is-serial number tal-borga in kwistjoni.*"

L-Ewwel Onorabbli Qorti stess hawnhekk titfa' aċċent kbir fuq il-konsapevolezza tal-appellata, li kienet ilha tagħmel dan ix-xoghol kif gustament osserva fix-xhieda tiegħu Aaron Falzon, u li certament kienet taf illi l-ircevuti kienu prova li dak depozitat minnha effettivament ingabar mill-kumpanija. Din il-konstatazzjoni jekk xejn tkompli turi li l- appellata kienet konxja mill-inġustizzja tal-profit illi ma kinitx awtorizzata tagħmel għaliha nnifisha.

Kif gustament osservat minn **Aaron Falzon** fix-xhieda tiegħu tat-3 ta' Mejju 2021 is-*sales agents* tal-Malta Public Transport kienu ibieghu minn got-*ticket booths* u l-appellata kienet tahdem fit-ticket booth ta' Tas-Sliema. Il-klijenti kienu jħallsu "dejjem by cash jew inkella bil-Visa". Dawn l-flus li kienu jingabru mis-*sales agents*, kienu jigu depozitati u *accounted for* f formula li kienet tissejjaħ id-*daily settlement* u fejn "kienu joforqu l-bejgħ x'kien u dan il-bejgh jigi maqsum bejn it-tip ta' beigh imbagħad kif ingabru l-ħlasijiet tieghu". Il-hlas sar fkuntest ta' relazzjoni kontrattwali bejn il-kumpanija u l-konsumatur tas-servizz kif ben spjegat mis-Sales Manager tal-kumpanija Jean-Marc Camilleri.. L-appellata ma setghet kwindi qatt tirċievi dawn il-flejjes jekk mhux permezz u bil-fiduċja tal-kumpanija stess. Huwa ghalhekk li l-

appellata kisret il-fiduċja tal-kumpanija meta naqset milli tuża' dawk l-flejjes bi skop preċiż u determinat skond dak pattwit. Il-kumpanija biss, b'finzjoni ġuridika, setghet ghaldaqstant tkun il-konsenjatriċi ta' dawk il-flejjes stante li kienet hi l-legittima proprjetarja taghhom. Dan il-punt gie dibattut fis-sentenza ***'Pulizija v Al Jolsi Ahmed'*** fejn ittiched kont tal-fatt illi "l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun". Il-volontarjeta' huwa element nieqes fis-serq izda jiffigura ruhu perfettament fir-reat ta' approprjazzjoni indebita. L-istess Qorti23 qieset li l-każ citat kien proprju wiched bl-ingredjenti tal-approprjazzjoni indebita "**għaliex l- imputat żamm il-flejjes għalih minkejja li kien jaf u għadu jaf li huma dovuti lis- socjeta' Arriva**". Dan il-punt huwa wkoll marbut mal-insenjament fis-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana bin-numru 24857/2017:

"*Il denaro può essere oggetto di interversione nel possesso, e conseguente appropriazione indebita solo quando sia consegnato dal legittimo proprietario, ad altri con specifica destinazione di scopo che venga poi violata attraverso l'utilizzo personale da parte dell'agente; solo ove il mandatario violi quindi il vincolo fiduciario che lo lega al mandante e destini le somme a scopi differenti da quelli predeterminati può integrarsi una condotta di appropriazione indebita.*"

Illi għalhekk u fuq dan il-punt ukoll l-ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata fl-analiżi u fl-apprezzament tal-fatti kif migjuba quddiemha meta għamlet din il-konsiderazzjoni.

4. Dwar ir-raba' punt li għamlet il-Qorti, u cioe'; "*Gie pruvat li kienet Bugeja li rieviet il-flejjes minn klijenti tal-kumpanija, flejjes li għalkemm li baghtet rendikont tagħhom fi tmiem il-ġurnata ta' xoghol tagħha, ma sabux posthom fis-safe li suppost kellhom jigu depozitati fib. Il-Qorti ma temminx li l-imputata ma kienitx konxja tal-importanza tal- ircevuti li kienu l-prova li dak depozitat minnha effettivament ingabar mill-kumpanija. Ma kienitx xi novizja w l-importanza li jigi indikat serial number gharfitu propju meta l-ammont iddepozitat kien jigi indikat fuq id-daily settlement sheet flimkien mas-serial number tal-borza li tagħha kellha kull*

*interess izomm l-ircevuta/ id-detachable slip tal-parti ta' fuq li fuqha kien hemm riprodott is-serial number tal-bora in kwistjoni."*

Mhuwiex kontestat illi l-provi prodotti fl-atti jippruvaw sal-grad rikjest mil-liġi illi l-appellata b'mod frawdolenti għamlet profitt għad-dannu tal-kumpanija Malta Public Transport meta kienet taf illi dan l-profitt kien wieħed manifestament ingust. L-Ewwel Onorabbli Qorti stess tirrikonoxxi l-qerq fl-inverosomiljanza ta' dak li sostniet l-appellata in sua difesa. L- istess Qorti tirrikonoxxi l-użu specifiku tal-flus u l-obbligu tar-radd li kellha l-appellata meta gie sottolineat il-fatt illi l-flejjes li rciviet l-appellata ma sabux posthom fis-safe li <u>suppost kellhom jiġu depozitati fih</u>. Illi għalhekk dan l-apprezzament tal-fatt, bl-esklużjoni li l- appellata reiviet l-flus mill-klijenti bensi mill-kumpanija kif gja gie spjegat f'dan l-aggravju, huwa kollokat mal-elementi tar-reati. *Cio' nonostante*, l-Ewwel Onorabbli Qorti hi żbaljata meta tqies li l-fatti tal-każ jharsu lejn ir-reat tas-serq. Din id-distinzjoni tinsab skolpita fis- sentenza **Il-Pulizija v. Karmnu Catania**' fejn giet identifikata d-differenza bejn iż-żewġ reati u cioe' sabiex tissussisti l-approprjazzjoni indebita u mhux ir-reat ta' serq, <u>hemm bżonn li l-haga li tkun giet approprijata tkun giet konsenjata w fdata lil min hadha taħt it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni tagħha jew li jsir minnha użu determinat.</u>

Illi għaldaqstant l-esponent jinsab ruhu aggravat b'dan l-apprezzament żbaljat tal-Ewwel Onorabbli Qorti u cioe' illi filwaqt li hu minnu li l-appellata rċiviet il-flejjes u kienet konxja tal-importanza tal-irċevuti, ma jistax jingħad li l-appellata rċiviet il-flejjes mill-klijenti tal- kumpanija. Jekk xejn, dawn il-flejjes irciviethom il-kumpanija għaliex kienu destinati lilha, u mhux lill-appellata, liema flejjes gew volontarjament konsenjati lill-appellata mill-kumpanija in virtu' tal-kariga li kienet tokkupa u tal-obbligi fiduċjarji minnha assunti u miksura.

5. Dwar il-hames punt li għamlet il-Qorti, u cioe': "*Il-Qorti temmen l-katina ta' provi ċirkostanzjali jwasslu sabiex jiġi determinat li Bugeja u hadd izjed, zammet ghaliba flejjes li kienu jappartienu lill- kumpanija u li ġew mgboddija lilha mhux mill-kumpanija izda minn klijenti tal-kumpanija, mill- pubbliku li ngeda w xtara s-servizzi tal-kumpanija.*"

Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-esponent jirribadixxi għar-raġunijiet ġja elucidati, illi l-flejjes gew mgħoddija lilha mill-kumpanija. Huwa minnu li l-pubbliku nqeda u xtara s-servizzi tal- kumpanija iżda meta huwa għamel dan huwa kien qiegħed jeziġi s-servizz mingħand l- kumpanija u mhux mingħand l-appellata. Jekk xejn l-appellata kienet obbligata bis-"servizz" u bil-"kariga" fis-sensi tal-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li trodd lura dawk il-flus li *ex admissis* l-appellata żammet għaliha minkejja li kienu jappartjenu lill-kumpanija. L-esponent josserva wkoll kif l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-motivazzjonijiet tagħha minn banda tgħid illi l-flejjes "kienu jappartjenu lill-kumpanija" imbagħad fl-istess waqt tikkonsidera li l-flejjes "kienu tal-klijenti". Bid-dovut rispett, dan l-ekwivoku li hu persistenti fis-sentenza appellata - huwa tabilhaqq sintomatiku tal-apprezzament offuskat tal-fatti magħmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonsidera żbaljat l-apprezzament ta' dan il-punt magħmul mill-Qorti tal- Prim'Istanza.

6. Dwar is-sitt punt li għamlet il-Qorti, u cioe': "*Jigi mfakkar li fil-każ in dezamina ma ngabu l-ebda provi biex juru li l-kumpanija MPT għaddiet flusha lil Bugeja, fejn għaldaqstant bu nieges għal kollox l'animo di spostarsi del possesso da parti tal-MPT.*"

L-esponent umilment ma jaqbilx ma' din il-posizzjoni. L-appellata bhala impjegata tal-Malta Public Transport kellha l-inkarigu ta' *sales agent* li fost l-oħrajn kien jikkonsisti fl- amministrazzjoni tal-bejgh generat mill-kumpanija. Hija għalhekk guridikament titqies bħala l-*lunga manus* u l-agent tal-kumpanija għal dik li hi ġestjoni fiduċjarja tal-flejjes appartenenti lill-kumpanija. L-esponent jinsab ruhu aggravat mill-osservazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li ma ngabu l-ebda provi li juru li l-kumpanija għaddiet flusha lil Bugeja proprju għaliex il-provi jiddimostraw illi l-appellata giet awtorizzata tirċievi dawn il-flejjes permezz tal-mandat fiduċjarju. F'dan is-sens xehdu l-Financial Controller tal-Malta Public Transport, is-Sales Manager tal-istess kumpanija, il-Human Resources DireCityor u impjegata oħra tal-kumpanija Rita Bonavia Għalhekk galadarba ingabet il-prova tal- vjolazzjoni tal-obbligu li jigu restitwiti jew mgħoddija l-flejjes lill-imsemmija kumpanija l- esponent

jishaq li dan hu sufficjenti sabiex jigu ppruvati l-elementi tal-approprjazzjoni indebita għaliex il-konsenja saret mill-proprjetarju legittimu fuq l-istregwa ta' din il-fiduċja. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ **Pulizija v. John Bamber** deċiża nhar it-8 ta' Ġunju 2001 toffri spunt li hu antitetiku għall-ġudizzju milhuq mill-Ewwel Onorabbli Qorti:

> *"Hu f'dan is-sens, għalhekk, li l-ewwel Qorti kellha raġun tgħid li dan hu reat fejn si tratta ta' ksur jew vjolazzjoni tal-fiducja mqegħdha fuq, jew murija fl-agent mill-mandanti, f'dan il-kaz id-ditta li kienet timpjega lill-appellant. Dan il-ksur jew abbuz ta'fiducja sar fil-mument li l-appellant approprija ruhu mill-flus tad-ditta Five Effs Cold Stores Limited li kienet timpjegah kontra r-rieda ta' l-istess ditta."*

Fir-*ratio decidendi* tagħha, il-Qorti tagħmel riferiment għal **Manzini** li fl-opera tieghu **Trattato di Diritto Penale Italiano'** jgħid:

> *"Il possesso dell'oggetto puo' essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la **proprieta' della quale spetta al mandante o autorizzante**. Percio', commette appropriazione indebita **l'incaricato di riscuotere denaro**, o di ricevere altre cose, **per conto del mandante**, che faccia suo quel che ricevette. **E poiche' non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario (enfasi tal-esponent)**, il reato sussiste anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, in modo che, per i **rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo."***

Illi għaldaqstant l-esponent jinsab ruhu aggravat b'dan l-apprezzament żbaljat tal-Ewwel Onorabbli Qorti għaliex ir-reat issussista fil-mument li l-appellata bħala konsenjatarja tal-flejjes kisret l-obbligu tagħha li troddhom lura lill-kumpanija *uti*

*dominus*. Ukoll, u in ogni caso, "*l'animo di spostarsi del possesso da parti tal-Malta Public Transport*" gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi, u dan ukoll kif sorrett mid-dottrina guridika u mill-ġurisprudenza, inkluż mis-sentenzi mogħtija mill-Qrati nostrana li jirrigwardaw l-ksur ta' obbligi da parti ta' addetti tal-Malta Public Transport, fosthom is-sentenza **Il-Pulizija v. Al Jolsi Ahmed**.

7. Dwar is-seba' punt li għamlet il-Qorti, u cioe': "*Lanqas ma ġie pruvat li Bugeja approprjat rubha minn dawk il-flejjes billi approfittat minnhom għaliha jew għal baddiebor jew li saħansitra dawk il-flejjes gew fdati lilha mill-kumpanija biex tagħmel uzu specifikat minnhom kif kontemplat bl-artikolu 293 tal- Kodici Kriminali. Il-flejjes kienu ta' klijenti.*"

L-esponent fl-ewwel lok ma jaqbilx li ma ngabet ebda prova li l-appellata approprijat ruħha mill-flejjes in kwistjoni billi approfittat minnhom. L-elementi sostantivi ta' dan ir-reat, kif spjegat ampjament fit-tieni aggravju, ġew sodisfatti in kwantu gie ppruvat li ma kienx hemm ir-restituzzjoni ta' dawk il-flejjes li kienu qiegħdin jinżammu mill-appellata sabiex eventwalment jigu ritornati lil sidhom, u cioe' lil kumpanija. L-Ewwel Onorabbli Qorti irrikonoxxiet fis-sentenza tagħha li l-appellata stess zammet għaliha nnifisha flejjes li kienu jappartienu lil-kumpanija li min-naħa tagħha kienet hi stess li bdiet investigazzjoni interna li skattat proċess ta' rikonciljazzjoni li stablixxa disparita' bejn id-depoziti li fil-fehma tal- appellata kienu qiegħdin isiru minnha u bejn il-boroż li ġew mghotija lill-*Eurochange* mis-CITY Security. Fi kliem ix-xhud Aaron Falzon:

> **AF**: L-istess rikonċiljazzjoni kienet dak iż-żmien ta' *ten thousand* diskrepanza sa meta tkeċċiet, jiġifieri meta għalaqna l-każ tax-xoghol kien ten thousand l-ammont. Sadanittant ahna komplejna xorta wahda bir-*reconciliation* u finalment meta għalaqna ir- rikonċiljazzjoni sibna li Katrina kienet qalet li ddepozitat l-ammont ta' sbatax-il elf li dawn is-sbatax il-elf ġol-basktijiet li qalet qatt ma kienu ngabru[31]

Illi l-istess appellata għażlet li tieħu l-pedana tax-xhud nhar il-15 ta' Novembru 2022 u ammettiet li kellha l-kariga ta' *ticket seller* fiż-żmien tal-parametri temporali tal-akkużi kif ukoll li kienet tokkupa ruħha bil-flus tal-kumpanija:

**Av**: Issa inti dejjem kont tiddilja bil-flus?

***KB****: Le meta kont bus information kont fuq barra u ma kellix idea x'inhu jigri fuq ġewwa.*

***Av****: Minn meta <u>bdejt inti tichu xi flus fidejk tal-kumpanija</u>?*

***KB: Minn meta lhaqt ticket seller.***

In-natura tal-impjieg tal-appellata kristalizzat fil-kuntratt tal-impjieg li hi ffirmat nhar il-20 ta' Ottubru 201533, l-*Employee Handbook* li hija ngħatat konsegwenza tal-istess impjieg u l- passi dixxiplinari li ttieħdu35 u li waslu għall-proċedimenti *de quo* lkoll jikkonfermaw li l- appellata kienet giet fdata mill-kumpanija biex tagħmel użu speċifikat mill-flus taħt il- kustodja tagħha. L-appellata *ex admissis* tikkonferma li hi bdiet tieħu ħsieb dawn il-flejjes minn mindu laħqet ticket seller. Dan jimplika li hija akwijexxiet ir-responsabilta' ta' konsenja speċjali, għaldaqstant m'huwiex minnu li ma nġibietx prova tal-użu u tal-konsenja speċjali fis-sensi tal-Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ippresjeduta mill-Onor. Harding nhar is-16 ta' Marzu 1957 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Carmelo Grech</u>** tagħti eżempji pragmatiċi ta' kif impjegat irendi lilu nnifsu hati tal-*approprjazzjoni indebita* meta jiġi konsenjat bl-aċċess ta' oggett jew flus minħabba affidament partikulari:

"Fil-każ ta' seftur li jaħdem go dar ikun hemm il-konsenja generali tal-oġġetti li jkun hemm god-dar; għaliex dawk l-oġġetti kollha ma ġewx lilu partikolarment

konsenjati, bħala konfidenza speċjali u appożita relattiva għalihom, imma bħala konsegwenza neċessarja u inevitabbli tas-servizz tiegħu.

Każ iehor prospettat fil-kors tal-istudji dottrinali hu dak tal-pazjent fi sptar li jaħrab u jichu mieghu xi ħwejjeġ tal-isptar. Il-**Carrara** jiddistingwi; jekk jieħu oggetti li kienu l-vestjarju lilu konsenjat, allura dan ikun approprjazzjoni indebita, għaliex hu jkun qiegħed jipposjedi dawk l-oggetti 'uti commodatarius': jekk, pero' jichu l-lozor jew oggetti oħra li kienu fil-kamra, bla ma kienu lilu konsenjati b'affidament partikulari, allura dan hu serq.

Issa, f'dan il-każ, il-petrol li kien f'dak it-tank ta' dak it-truck, ġie konsenjat lill-imputat b'affidament partikulari. Ma kienx petrol li, bla ma kien konsenjat partikolarment lilu, kien accessibbli għalieh minħabba **s-servizz tieghu fil-postijiet ta' depożitu fejn kien jaħdem**. Kien hemm **konsenja speċjali**, li kienet **timplika responsabilita' partikulari tieghu għal dak il-petrol f'dak it-tank ta' dak it-truck**. Għalhekk il-konsenja kienet speċjali.'

Illi għalhekk u anki fuq dan il-punt, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata fl-analiżi u fl- apprezzament tal-fatti kif migjuba quddiemha meta għamlet din il-konsiderazzjoni li ancorche' fil-ligi ma ssib ebda konfort. L-appellata giet mogħtiha l-konsenja partikolari ta' flus li kienu aċċessibbli għaliha minħabba s-servizz taghha fil-post ta' depozitu li kienet tahdem fih. L-appellata stess kienet konxja minn din il-konsenja speċjali (u mhux generali) li kienet timplika responsabilita' partikolari.

8. Dwar it-tmien punt li għamlet il-Qorti, u cioe': "*m'hemmx dubbju li kemm il-darba Bugeja ghandha tinstab hatja li qatt ma depozitat id-disa' boroż li saret riferenza ghalibom, boroz kontenenti xiri ta' biljetti/ servizzi mingħand il-kumpanija Malta Public Transport, izda hadithom u zammithom għaliha, il-fattispecje ta' dan il-każ jinkwadraw wriehom mhux fir-reat ta' frodi - fejn l-ingann da parti tal-imputata bu għal kollox mankanti langas f'dak ta approprjazzjoni indebita galadarba ma jinkonkorrux l-elementi sostantivi ta' dan ir-reat.*"

Illi stante li dan il-punt gja gie indirizzat mill-esponent, isir riferiment għal dak sueċċepit kif ukoll għal dawk il-konstatazzjonijiet legali li huma sottolineati fit-tieni aggravju. Jigi ribadit illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata fl-analiżi u fl-apprezzament tal-fatti kif migjuba u dan għaliex l-elementi tar-reati kif addebitati ġew ippruvati skond il-grad rikjest fil-liġi.

9. Dwar id-disa' punt li għamlet il-Qorti, u cioe': "*Ghal kuntrarju l-fatti tal-każ jinkwadraw perfettament fir-reat ta' serq fejn l-imputata qed tiehu flejjes mgboddija lilha mingħajr il-kunsens tal-MPT, minghajr l-intenzjoni li tirritornabom, biex taghmel gliegh minnhom. Dawn huma l-elementi tar-reat ta' serq li kellha tigi akkużata bib l-imputata. Minflok l-imputata giet akkużata b'reati ta' frodi w approprjazzjoni indebita.*"

L-esponent umilment jikkontendi illi l-appellata ġiet akkużata bir-reati ta' frodi w approprjazzjoni indebita mhux bi żball jew b'nuqqas tal-Prosekuzzjoni iżda għaliex kif gie ampjament spjegat il-fatti tal-każ odjern jikkombacjaw ruhhom mal-ingredjenti tar-reati li jikkonkorru in toto. L-Ewwel Onorabbli Qorti tosserva illi l-appellata ħadet flejjes mgħoddija lilha mingħajr il-kunsens tal-MPT u mingħajr l-intenzjoni li tirritornahom biex tagħmel qliegh minnhom. L-esponent jippremetti li dawn l-elementi jekk xejn jissoddisfaw l-akkuża tal-approprjazzjoni indebita minħabba li l-appellata approprijat ruhha minn flejjes kunsinnati lilha taht titolu li kien igib miegħu l-obbligu tar-radd jew li jsir użu specifikat minnhom. Kien hemm il-ksur tal-fiduċja, il-volontarjeta' tat-trasferiment tal-oġġett mill-proprjetarju lill-agent (li jeskludi s-serq), l-intenzjoni doluża li hu l-element 'imprexendibbli tal-approprjazzjoni indebita u l-konverżjoni tal-oġġett kif ikkunsidrat ukoll mill-Qrati tagħna. Huwa kwindi legalment żbaljat li wieħed jasserixxi li l-appellata kellha tiġi akkużata bir-reat ta' serq meta wieħed iqies li ġiet provata l-intenzjoni tat-titolu tal-pussess tal-flejjes li l-appellata ottjeniet mingħand is-suggett passiv, u cioe' mill-kumpanija Malta Public Transport, bil-libera volontà ta' dan.

Illi din l-Onorabbli Qorti meta tiġi biex tiddeċiedi dan il-preżenti appell trid tikkonsidera li s-serq u l-approprjazzjoni indebita huma akkomunati bl-*animo di lucro* u dan kif rilevat fis- sentenza **<u>Il-Pulizija v. George Grech</u>**. *Cio' nonostante*, hemm differenzi notevoli bejn iż- żewġ fattispeċjeta' reati u huwa hawnhekk fejn l-appellant umilment jirribadixxi li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata fl-apprezzament tal-provi u d-dizamina legali li kellha ssir. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **<u>Il-Pulizija v. Karmnu Catania</u>** b'mod inkonfutabbli tispeċifika illi sabiex tissussisti l-approprjazzjoni indebita u mhux ir-reat tas- serq, jeħtieġ illi l-haga tkun giet approprjata tkun ġiet konsenjata w fdata lil min hadha taħt titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni tagħha jew li jsir minnha użu determinat. Finalment, kif ġie aċċennat fis-sentenza magistrali ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament ippresjeduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Carmelo Grech</u>**: "*Hu principju kardinali accettat minn zmien il-ġurisprudenza u d-dottrina tant estera kemm lokali illi l-konsenja tal-haga timpropria s-serą ghaliex sabiex ikun hemm serq jeħtieġ li jkun hemm dispossessament, mentri meta jkun hemm il-konsenja tal-baga jkun hemm vjolazzjoni tal-proprjeta', iżda mhux ukoll vjolazzjoni tal-pussess. Fis-serq hemm il- vjolazzjoni tant tal-proprjeta' kemm tal-pussess.*"

Illi għalhekk fir-rigward ta' dawn il-punti elenkati f'dan l-aggravju, l-esponent umilment jippremetti li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata fl-apprezzament tal-fatti migjubha lilha. Illi effettivament, wara li wiehed janalizza l-provi prodotti joħroġ car illi l-ewwel Onorabbli Qorti żbaljat meta ma sabitx ħtija bil-fatti kif preżentati.

**<u>b. It-Tieni Aggravju - Interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-punti legali</u>**

Illi fuq stregwa tas-sentenzi fuq ċitati u l-prinċipji saljenti li sejrin jigu elucidati, fl-umli fehma tal-esponent 1-Ewwel Onorabbli Qorti fl-apprezzament tal-punti legali emaniet interpretazzjoni fallaċji tal-liġi. Illi l-esponent jinsab ruhu aggravat bil-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għażlet li tillibera lill-appellata minn kull htija w piena minħabba interpretazzjoni żbaljata tal-argumenti legali u tal-elementi tar-reati kif addebitati lilha.

Illi l-ġurisprudenza għar-rigward l-elementi kostitutivi tar-reat tal-*approprjazzjoni indebita* hi wahda univoka u tagħti stampa ċara ta' kif ir-reati addebitati fil-konfront tal-appellata fil- każ odjern isibu konfort ukoll f'dak li ġie assodat fil-ġurisprudenza u fid-dottrina abbraċjati mill-Qrati tagħna (inkluż dawk l-istess sentenzi li l-Ewwel Onorabbli Qorti għoġobha tiċċita). A skans ta' ripetizzjoni, l-esponent se jagħmel riferiment għal dawk is-sentenzi l- izjed pertinenti għal fattispeċje tal-każ odjern.

Ghar-rigward l-elementi ta' approprjazzjoni indebita għandha ssir referenza għas-sentenza tad-9 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Enrico Petroni</u>** <u>et</u> kif ukoll **<u>The Police v. Keith Arthur Mayho</u>** deċiża fl-4 ta' Frar 2013:

> <u>*"Dana r-reat isebb meta wiebed (1) jirċievi flus jew xi haga obra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew din ix-xi baga lura jew li jaghmel użu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalib jew għal haddiebor".*</u>

Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Josemar Borg'</u>** tat-13 ta' Marzu 2019, liema sentenza hija *res indicata*, tittratta xi ftit jew wisq l-istess fatti analogi għall-każ in eżami senjatament ix-xenarju ta' impjegat mal-Malta Public Transport li nstab hati ta' *approprjazzjoni indebita* meta żamm għalih innifsu flejjes li ġew fdati lilu minħabba l-professjoni tiegħu, u ħalla lill-istess kumpanija fl-għamad dwar flejjes li kienu intiżi li jiġu percepiti minnha.

Dwar l-appartienenza tal-flejjes lill-istess kumpanija Malta Public Transport, fl-istess *ratio decidendi* ta' dik il-Qorti hemm il-konstatazzjoni li meta impjegat jispiċċa s-*shift* tiegħu tax- xogħol huwa kien jitfa' l-flus tal biljetti li jkun biegh fl-iscan machine sabiex meta jsir il- paragun bejn biljetti li jkunu nbiegħu u l-flus li ġew depożitati, il-

kumpanija ssir taf jekk il- flus li kellhom jigu depozitati fil-fatt hekk sar. Isegwi, *kwindi*, li l-flejjes in kwistjoni ma jisgħu jitqiesu qatt li huma tal-"*klijent*?" għaliex dawn sempliċiment daħlu frelazzjoni kontrattwali mal-istess kumpanija sabiex jużufruwixxu ruħhom minn servizz li kien qiegħed jiġi reż lilhom mill-kumpanija. Il-kumpanija *una volta* li rċiviet dawn il-flejjes li kienu intenzjonati għaliha, bit-trasferiment tal-pussess hija ttrasferiet ukoll il-fiduċja fl-appellata li tagħmel użu minn dawn il-flus kif cirkoskritt mil-liġi. Dawn il-flus ma kienux jappartjenu personalment lill-klijent imma lill-kumpanija. L-appellata min-naħa tagħha ma setghet qatt tispussessa lill- kumpanija minn dawn il-flejjes li kieku ma kienitx impjegata u inkarigata li tirċievi dawk il- flejjes bl-obbligu li troddhom lura, u b'mod dijametrikament oppost dawret hekk dawk il- flus bi profitt għaliha jew għal ħaddieħor. Tal-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti tal- Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Robert Borg** mogħtija fis-6 ta' April 201740 fejn qieset sitwazzjoni ta' impjegat li kien żamm għalih innifsu parti mill-flus tal-biljetti tal-vjaġġi tal-linja bħala "*każ klassiku ta' approprjazzjoni indebita. L-imputat kellu jrodd il-flus kollha li kien dabbal bhala prezz tal-vjaġġi li jkun ghamel, izda dan naqas milli jagħmlu. Bhala piena, il-Qorti bi tal-febma li huwa bafna ahjar li jsir risarciment ta' dan l-ammont lil Malta Public Transport, li hadet l-operat tal-Arriva, milli tiġi inflitta piena ta' habs effettiv.*"

Fuq l-istess binarji, il-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) nhar is-26 ta' Settembru 2016 fil-każ bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Al Jolsi Ahmed** iddecidiet hekk:

> *Illi skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir- reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*
>
> "*Illi l-pussess tal-baga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun*". *Jigi specifikat hawnhekk, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con*

*l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffigura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma ta' serq; 2. "Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita"; 3. "Illi l-oggett irid ikun mobbli"; 4. "Illi l-konsenjatarji in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu l-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiba a proprio commodo o vantaggio; 5. "Trid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar- reat li japproprja rubu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l- approprazzjoni ndebita".*

***Dan hu proprju l-kaz ghaliex l-imputat zamm il-flejjes ghalih minkejja li kien jaf u ghadu jaf li huma dovuti lis-socjeta Arriva (enfażi tal-esponent).***

Fl-inkwadratura tal-elementi tar-reat, wieħed għandu jqies l-essenza tal-approprjazzjoni indebita u cioe' l-abbuż ta' fiduċja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt għalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata fidejh b'att liberu u spontanju. L-esponent f'dan is-sens jagħmel riferiment għas-sentenzi vide **Il-Pulizija v Joseph Mifsud** deċiża nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; **Il-Pulizija v Joseph Richmond** et deċiża nhar 1-14 ta' Jannar, 1993; **Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia** deċiża nhar il-25 ta' April, 1949 u **Il-Pulizija v Emanuel Cassar** deciza nhar 1-20 ta' Ottubru, 1997. Fil-każ odjern, l- appellata kisret il-fiduċja li kienet giet afdata biha bil-kariga tagħha, li hi kienet tenuta li tosserva bħala impjegata mal-Malta Public Transport, meta żammet għaliha innifisha flejjes li xjentement kienet taf li ma kienux dovuti lilha. Bl-istess *chiave di lettura* l-Qorti tal- Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Lulju 2013 tiċċita bran minn deċiżjoni mogħtija fil-Qrati tagħna fejn gie sottolineat "*Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any objeCity by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise (*enfazi tal-esponent*)."*

Fir-rigward ir-ritenzjoni ta' oggett jew flus afdati f'idejn is-suggett passiv, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata t-23 ta' Diċembru 2003 fl-ismijiet **<u>Il- Pulizija v. Dr. Siegfried Borg Cole</u>**, gie diskuss punt verament kruċjali għal każ in diżamina:

> *"Fil-każ ta' flus li jkunu qed jinżammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-**<u>non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta għall-approprjazzjoni indebita</u>** (enfasi tal-esponent)".*

Dik l-istess Qorti tirriafferma l-insenjamenti tal-Gurista Luigi Maino:

> *"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta, a Kump Nru 492/13 6 scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta della conversione con scienza della sua illegittimita, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... **Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed a deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile***

***trasportate affatto impropriamente in sede penale****. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere.* ***In generale la giurisprudenza e costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo****.*"

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Imħallef ViCityor Caruana Colombo nhar 1-14 ta' Frar 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. John Gauci</u>**, dik il-Qorti b'reqqa eżaminat il-kwistjoni tal-obbligu tar-radd tal-ħaġa u l-appropjazzjoni indebita kkwalifikata skond il-kariga:

"*Minn eżami tal-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jidher car li wieħed mill-elementi essenzjali tal- appropjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-fatti: "tabt titolu li jġib miegħu l-obbligu... li jsir użu minnha specifikat..." Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lil-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd bliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel uzu mill-oġġett konsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l agent ikun approprja rubu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun għamel uzu mill-flus kif specifikat.* ***F'kull każ, fl-indagini dwar il-***

> ***ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova tal-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-aġent ikunx għamel mill-ħaġa dak l- uzu jew użu divers." (enfażi tal-esponent).***

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tal-11 ta' Jannar 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John O'Dea** fi spirtu simili ġie affermat illi: "*Meta oġġett jiġi kkonsenjat mis-sid lil bniedem ieħor biex dan jiehdu band'obra, u mhux fil-presenza jew taħt l-indukrar tas-sid, allura hemm l-approprjazzjoni indebita meta dak il-bniedem l-iebor jiebu dik il-baga lilu kkonsenjata*". Dik il-Qorti kkunsidrat ukoll li fiċ-ċirkostanzi li oggett, minflok ma jintuża għall-iskop li kien destinat, jintuża għal skop ieħor, hemm jimmaterjalizza ruhu r-reat ta' approprjazzjoni indebita. Fuq l-istess stregwa, fis-sentenza **Il-Pulizija v. Ali Abdulla Bakush** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Marzu 1993 osservat li jidher car li 1-kunċett kollu tal-approprjazzjoni indebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuż tal-fiduċja imma fuq il-fatt li persuna tagħmel użu bi profitt għaliha minn oggettt li **jappartieni lil haddiehor**, liema haddiehor ikun **fada dak l-oġġett f'idejn is-suġġett passiv** fwiehed miċ-ċirkostanzi li jikkontempla l-Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali.

*Dulcis in fondo*, l-esponent jagħmel riferiment għas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament ippresjeduti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nutar Peter sive Pierre Falzon** mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2020 u **Il-Pulizija v. Christopher Agius** mogħtija fl-1 ta' Settembru 2020 fejn fiż-żewġ istanzi jigu spjegati b'mod approfondit l-ingredjenti essenzjali tar-reati in kwistjoni li ġew ribaditi mill-Qrati nostrana fi pronunzjamenti oħrajn u li fuqha gew msejsa verdetti ta' htija fuq l-akkuża ta' approprjazzjoni indebita kkwalifikata skond il-kariga.

Kif akkademikament ben rilevat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza supra ta' **Il-Pulizija v. Christopher Agius**, hemm somiljanza kbira bejn l-**artikolu 646** fil-Kodiċi Penali Taljan u l-artikolu Malti regolanti l-*approprjazzjoni indebita*. Isegwi, għaldaqstant, li din l-Onorabbli Qorti għandha wkoll tagħmel dawk

il-konsiderazzjonijiet legali pertinenti li jinbtu mill-ordinament guridiku Taljan. Il-Qrati nostrana b'mod kopjuż jagħmlu riferiment ghal **Maino** li jispjega li l-approprjazzjoni indebita tikkonsuma ruhha "*col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede*" u li dan isehh bil-"*volontarieta' delle conversione con scienza della sua illegitimita e del fine di lucro*". L-istess **Maino** għar-rigward l-approprjazzjoni indebita ta' flus iqies hekk:

> "*Trattandosi di somme di denaro, l'accertamento della conversione puo' presentare in pratica qualche difficolta'; **la negata restituzione** - anche indipendentemente da una legale costituzione in mora e certamente una forma di consumazione; **ma la consumazione puo' risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui** - come l'impiego della somma in uso proprio o **il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario** (enfażi tal-esponent).*"

Dan isib konfort fl-**Antolise**i li fil-**Manuale di Diritto Penale** jispjega x'jikkostitwixxi l-kunċett ta' profitt:

> "*Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che **sia necessario che l'agente abbia conseguito un profitto** perche' dalla formola dell'articolo 646 si desume in modo inequivocabile che il **profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico**; e' **il fine a cui la volonta' si deve dirigere**. Non c'e' dubbio che il **delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato (enfażi tal-esponent)"***'.

Illi għalhekk magħmula dawn il-konstatazzjonijiet legali fir-rigward ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, ma hemmx dubbju li r-reat ġie kkonsmat fil-mument li l-

appellata agixxiet bi *scientia propria* u bil-intenzjoni speċifika li żżomm u ma tirrestitwiex l-flejjes li kienu jappartienu għall-kumpanija Malta Public Transport u tużahom għal skop divers kontra l-ispirtu tal-obbligu fiduċjarju tagħha, u dan anki kif manifestat bil-habi tal-flus misruqa kif *del resto* gie rikonoxxut mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha.

L-akkuża tat-truffa kif postulata mill-Prosekuzzjoni ukoll timmerita analizi fid-dawl ta' sentenzi moghtija mill-Qrati tagħna superjuri. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Frar 1993 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Charles Zarb</u>:

> "*Ghar-reat ta' truffa hemm bżonn li tirriżulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall- verosomiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bbala mezz ta' qerq. M'huwiex biżżejjed għall- finijiet tal-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-użu ta' apparat estern li jirrivežti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet mensjoneri tal-frodatur.*"

> "*Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tobrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi bsara ta' haddiebor" ma jballux dubju dwar dan. Jiġifieri biex ikun bemm l-element intenzjonali ta' truffa hemm bżonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju tal-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt bija bizejjed biex teskludi d-dolo.*"

> [...]

> "*Kwantu jirrigwarda l-elementi formali, cjoe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-*

*intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann, il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tobroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi bsara ta' haddiehor" ma jballux dubju dwar dan.* ***Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil- mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju tal-inġustizzja tal-profitt u b'dan il- mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo"*** *<u>(enfażi tal- esponent).</u>*

Is-sentenza **<u>Regina v. Giuseppe Galea</u>** tat-12 ta' Mejju 1887 stabbiliet illi sabiex tissussisti l-akkuża tal-frodi "*non e' necessaria la concorrenza di ambedue i mezzi menzionati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti.*"

Illi għaldaqstant applikati l-insenjamenti ta' dawn il-prinċipji assodati fil-ġurisprudenza u fid-dottrina legali kif konfrontati mal-fattispeċje tal-każ odjern, l-esponent umilment ihoss li l-Ewwel Onorabbli Qorti żbaljat fl-apprezzament tagħha tal-elementi legali kollha tar- reati ta' approprjazzjoni indebita u frodi innominata fil-konfront tal-appellata. L-ingredjenti tal-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali kienu kollha hemm. Dan gie ppruvat fl-atti ta' din il-kawża skond il-grad rikjest mil-ligi. L-esponent umilment josserva illi fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali mresqin quddiemha, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tqis li hu sigur u sodisfacenti li tistrieħ fuq il-konklużjonijiet milhuqa mill-Ewwel Onorabbli Qorti u għaldaqstant din il-Qorti għandha s-"setgħa u d-dmir" li tibdel is- sentenza, jew dawk il-partijiet minnha li ma jirriflettux il-Ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-27 ta' April 2023.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[1]

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil**-kawza **R. v. Cooper**[2] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza **s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal ACity, 1968**): -

"Assuming that there was no specific error in the conducity of the trial, an appeal Court will be very reluctantly to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008**; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed,** 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, Il-**Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[2] 1969] 1 QB 276

injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviCityion will be quashed.[3]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi:-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni (kif tajjeb oserva l-appellant fir-rikors tieghu) ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghet ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi din il-Qorti ghalhekk trid mill-gdid tezamina il-provi prodotti biex tara jekk il-prosekuzzjoni irnexxilhiex bil-provi imresqa minnha tipprova l-kaz taghha 'l hinn minn kull dubbju detat mir-raguni. Ghalhekk sejra taghmel referenza ghall-provi

---

[3] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACITYICE (1991), p. 1392

migbura u dan qabel ma tispjega il-principji legali li jsawru l-akkuzi moghtija mill-prosekuzzjoni.

**Aaron Falzon**, Financial Controller ta' Malta Public Transport xehed nhar it-3 ta' Mejju, 2021 stqarr li ghal habta ta' nofs Dicembru, 2017 gibdulu l-attenzjoni li kien hemm xi boroz tad-deposits neqsin. Qal li l-appellata li huwa gharaf prezenti fl-Awla kienet tahdem bhala *sales agent* tal-Malta Public Transport tbiegh it-tickets minn go *ticket booth* Ta' Sliema li ghandha l-Malta Public Transport. Spjegat li l-klijent ihallas permezz ta' cash jew Visa u fl-ahhar tal-gurnata dawn li jghamlu s-sales ighoddu il-flus li jkunu gabru minghand il-klijenti jimlewhom f'karta mgharufa bhala *daily settlement.* Naturalment il-flus li ikun hemm fil-borza irid jaqbel ma dak dikjarat fid-*daily settlement*. Din tigi depositata go *safe* li hemm fl-istess *ticket booth*. Qabel ma jitfghu l-karti dawn l-agenti jiktbu f'hiex jikkonsistu il-flejjes jigifieri kemm hemm nota ta' 50 euro jew ta' 20 euro. Jigifieri ikun hemm speci ta' rendikont. Dan kollu isir fl-ahhar tas-shift u wara l-agent ipoggi kollox go borza sealjata fis-safe. Dan is-safe huwa *dedicated safe* ghad-*deposits* u huwa mikri minghand CITY Security. Appena titfa xi haga f'dan is-safe ma tkunx tista terga tirirha jekk ma tiftahx is-safe. Ir-roster tal-agenti huwa day in day out.

Jghid li meta ivverifika mat-team tieghu irrizulta li kienet ilha ghaddejja minn Ottubru 2017 pero ma kienu qalulu xejn. Huwa induna b'dak li kien ghaddej fil-15 ta' Dicembru 2017 u dan meta beda jahdem bhala Financial Controller u ried jara x'qed jigri mill-flus. Huwa informa ukoll lil ta' fuqu Financial Director, il-General Manager u l-Commercial Director u qalilhom li kien ser jindaga aktar fuq din l-investigazzjoni. Bdew jindunaw li kien hemm iktar minn borza wahda. Kienu ghajtu lill-appellata fl-ufficcju u din qaltilhom li ma kinitx hatja. Komplew bir-reconsiliation taghhom. Lil Katrina hargulha ittra ta' suspension immedjata. Qal li l-appellanti kienet marret ghall-laqghat flimkien mal-avukat taghha. Dak iz-zmien id-diskrepanza kienet ta' madwar ghaxart elef euro. Fl-ahhar tar-reconcilation li ghamlu irrizultalhom li Katrina kienet qalet li ddepositat is-somma ta' sbatax-il elf euro go basktijiet li qalet qatt ma kienu ingabru. Meta dawn il-boroz jingabru mis-safe minn rappresentant ta' CITY Security huwa jghati karta lill-booth agent fejn dan jikteb fuq karta li l-boroz li jkun qed jigbor mis-safe. Il-pin ta' dan is-safe kien ikun ghand tas-CITY Security u fuq din il-karta jiffirmaw kemm il-booth agent kif ukoll ir-

rappresentant ta CITY Security u jpoggu d-data. CITY Security imbaghd wara li tigbor il-boroz tohodhom ghand kumpanija ohra Eurochange fejn hemmhekk jinfethu l-boroz, jghoddu l-cash, li jkunu sabu fil-boroz, jiccekjaw mal-karta li s-sales agent ikun ha bhala cash u jekk isibu xi diffrenzi jibghatuhom fid-daily report li jkunu ircevew il-Finance Department u jghidulhom id-diskrepanza li jkunu sabu. Gili ikun hemm xi diskrepanzi zghar u xi munita falza jew xi haga hekk imma dawn huma affarijiet tas-soltu.

Huwa awditur u ghalhekk beda jara x'setgha gara. Huwa talab lil tal-CITY Security sabiec itihom kopja tal-karti li kienu iffirmaw is-sales agent u kemm huma u dawn baghtulu kollox scanned copes. Ghamlu xi file u baghtulu kollox scanned copy. Huwa esebixxa l-ispecifications tas-safe li gew immarkati bhala Dok AF., il-formaliation tad-dizziplina markata bhala Dok AF2, decizjoni tac-chairmen tad-dixxiplina mmarkata bhala Dok AF3. Fuq il-borza ikun hemm numru li jindika min ikun ghamel id-deposit. Il-boroz li ma jigux depositti ma jidhrux fuq il-lista, jkun unaccounted. Wara iccekja ir-rosters ta' Katrina biex ikun cert mija fil-mija x'gara jew ma garax fl-affarijiet Huwa esebixxa ukoll ir-roster li giet markata bhala Dok AG7. Qal li Katrina kienet iffirmat ghal zewg boroz meta fir-realta' kellha tiffirma ghal borza wahda. Huwa esebixxa l-kuntratt taghha li gie mmarkat bhala Dok AF9 datat l-1 ta' Novembru 2015 fejn giet impjegata bhala sales agent. Esebixxa ukoll dak li ghaddewlhom ir-rappresentanti ta' CITY Security u cioe' scan tac-chits, flimkien ma pagna tar-rosters tas-securities li kien hemm dak iz-zmien mmarkat bhala Dok AF11.

Illi nhar l-1 ta' Novembru 2021 ix-xhud gie riprodott u qal li kellu jinforma lil Qorti jekk l-excel sheets humiex accessibli ghal kulhadd u qal li kull excel sheet huwa locked ghal kull individwu. Ikkonferma li kienu intbaghtu diversi emails lill-akkuzata ta' kuljum u dawn jinsabu ghand Jean Marc Camilleri.

**Dr Ismael Psaila** xehed nhar it-3 ta' Mejju 2021 u esebixxa il-kwerela tieghu li giet mmarkata bhala dok IP data 4 ta' Ottubru 2018.

**L-Ispettur Hubert Cini** xehed nhar it-3 ta' Mejju 2021 u a fol. 8 gharaf l-istqarrija tal-appellata datata 20 ta' Dicembru 2018 li ittiehdet minn l-Ispettur Christabelle Chetcuti u d-dikjarazzjoni mehdua minn Katrina Bugeja pero dakinhar ma kellhiex l-avukat prezenti maghha.

Nhar il-5 ta' Lulju 2011 rega' xehed u kkonferma li l-file tal-pulizja gie ghandu meta gie transferred lejn l-ECU. Stqarr li kienet l-ispettur Christabelle Chetucuti li kient involuta fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz

**PC 1100 Neil Micallef** xehed nhar it-3 ta' Mejju 2021 u gharaf id-dokumenti esebiti a fol. 7 u 8 tal-process. Ikkonferma li dawn kienu d-dikjarazzjoni li l-appellata hadet l-ghajnuna legali u l-istqarrija rilaxxjata minnha.

**L-Ispettur Christabelle Chetcuti** xehdet nhar l-24 ta' Mejju 2021 u stqarret li nhar l-4 ta' Ottubru, 2018 kienet irceviet kwerela minghand Dr Ismael Psaila ghan nom tas-socjeta' Malta Public Tansport illi kien hemm ex-impjegata taghhom certu Katrina Bugeja fil-kapacita taghha ta' sales agent mal-istess socjeta' fejn bejn Gunju u Dicembru 2017 allegatament kienet serqet jew kienet ipproprjat ruhha mill-ammont ta' sbatax-il elf mitejn u disgha euro u erbgha u tletin centesmu liema flejjes kienu fdati lilha minhabba il-kariga li kellha dak iz-zmien.

Dak iz-zmien imbaghad talbu *request* il-banek lokali APS Bank, Banif illum BNF Bank, HSBC Bank u BOV Bank biex jaraw jekk kellhiex fondi maghhom. Ircevew xi statements minghand il BOV fejn giet mgharfa li kellha tlett kontijiet f'isimha. Ma deherx li kien hemm xi deposits li saru salv ghall-paga taghha mill-istess socjeta' Malta Public Transport. Irrizulta li din Katrina tahdem bhala ticket booth seller f'Ta' Sliema fejn fl-ahhar tal-gurnata suppost kienet tirraporta l-biegh kollu taghha u l-flus kontanti li suppost kienet tghoddhom u ddahalhom gol-borza biex imbaghad tigi depositata gewwa safe. Din il-borza kienet tac-CITY Security li jinsab gewwa l-istess ticket booth. Kellha supost tiehu nota tas-serial number ta' din il-borza li kienet tiddeposita l-flus fihom kif apparentement kienet taghmel izda mid-dehra dawn il-boroz qatt ma nstabu. Dawn il-boroz sippost li kienu jkunu gewwa s-safe imbaghad jingabru minn CF Security, mill-istaff mis-securities kuljum barra l-Hdud u festi. Is-security kien ikollhom l-code u c-cavetta tas-safe u fil-presenza tat-ticket booth seller li kien ikun dak il-hin xoghol kienu jingabru l-boroz. Kull borza kien ikollha ricevuta imwahla fejn din kienet tigi mghoddija lit-ticket booth seller li jkun hemm dak il—hin. Din kienet thalliha, il-persuna li kien ikun xoghol dak il-hin kienet thalliha biex imbaghad min kien ikun iddepozita din il-borza meta kien jidhol xoghol kien izommha bhala ircevuta ghalih. Dawn il-boroz imbaghad kienu jittiehdu l-Eurochange fejn kienu jinghaddu l-flus, kienu jinfurmaw lil Malta Public Transport

bil-boroz li kienu jircievu u kemm kien ikun fihom u jsir deposit fil-kontijiet tal-kumpanija Malta Public Tansport. Imbaghad kienu indunaw b'xi diskrepanzi ghaliex meta kienet issir rikonciljazzjoni bejn dak li kienet tghid hi li kienet tiddeposita Katrina Bugeja u dak li Eurochange kienu jghidulhom li kellhom innutaw li xi boroz kienu neqsin. L-ammont ta' flus nieqes kien ta' kif ghedt qabel. €17,209.34. Kienu talbu request ukoll mill-Malta Public Transport biex jghatuhom informazzjoni ta' xi nies li kienu jahdmu ma' Katrina Bugeja fl-istess ticket booth ta' Ta' Sliema u rrizulta kien hemm certu ohra Rita Bonavia. Kienu nghataw xi kopji ta' ircevuti li ingabru mic-CITY Security imbaghad nhar l-20 ta' Dicembru tas-sena 2018 giet mitkelma Katrina Bugeja fejn ghazlet li tiehu parir tal-avukat taghha Dr Josephine Farrugia qabel ma irrilaxxat l-istqarrija datata 20 ta' Dicembru 2018 mmarkata bhala dok CC a fol. 77 ta' l-atti.

F'din l-istqarrija Bugeja kienet qalet li kienet tahdem mal-Malta Public Transport u ilha f'dak l-impieg ghal madwar sitt snin. Qatt ma ftixet li ssib l-ircevuti li kienu jhallu tas-City Security wara li kienu jigbru d-deposits imma tal-kollega taghha Rita kienet terfaghhom fil-genb ghax hekk kienet qaltilha din Bonavia u dan sabeix tigborhom meta tidhol ghax-xoghol l-ghada. Waqt l-istatement kienet innegat li kienet hadithom dawk il-flus li kienet semmiet u qalet li l-procedura tas-security ma kinitx taf ezatt. Ic-cavetta tal-post qalet li mhux hi biss kellha access u anke ghall-borza kien hemm nies ohra li ghandhom access. Mistoqsija jekk kintix lesta li tirrifond il-flus ghax mhux hi hadithom. Kienu lahqu ukoll talbu lil Euroexchange biex ituhom l-ircevuti relatati mal-Malta Public Transport partikolarment mat-ticket booth ta' Ta' Sliema. Taf li gew mitluba biex jigu mitkelma s-securities tas-CITY Security li kienu jigbru l-boroz minn gewwa Ta' Sliema. Imbaghad ma baqghetx stazzjonata f'dik l-iskwadra u ghadda il-file sabiex jitkompla minn haddiehor.

**PS 856 Conrad Falzon** xehed nhar l-24 ta' Mejju 2021 u kkonferma li kienu ircevew kwerela minghand l-avukat tal-Malta Public Transport fejn fiha allega li Katrina Bugeja kienet tahdem maghhom u kienet misapproprijat l-ammont ta' €17,209.34. Minn naha tieghu kien talab lil banek lokali sabiex ikollu statement tal-kontijiet taghha pero kien biss il-BOV li wiegeb u stqarr li kellu kontijiet tal-appellanti. Minn indagini li ghamel ma rrizulta xejn suspettuz bhala depoziti. Kull ma kien hemm bhala transazzjonijiet bhala bank minn kont ghall-iehor kienet taghmel xi transfers

mill-kont taghha stess. Kienet baghtet ghal Financial Controller Aaron Falzon biex jispjega dasqxejn fid-detall kif tahdem is-sistema, kif topera peress li l-kwerelant ma kinitx daqshekk dettaljata. Minn naha tieghu spjegalu x'suppost kellha taghmel Katrina u a bazi ta' dan li intqal lilu kien baghat ghal din Katrina. Din kkonfermat li kienet tahdem bhala *sales booth ticket* tbiegh il-biljetti u l-cards tal-Linja u spejgatlu l-procedura ta' dak li suppost taghmel. Kien ha xi dikjarazzjoni tan-nies li jahdmu ma CITY Security. Nies li kienu jigbru l-boroz mis-safe deposit u jgorruhom lejn il-bank. Huwa kellem lil Michael Zammit, Mark Gatt, Emanuel Tonna, Joseph Grima u Eric Farrugia fejn bazikament dawn kollha taw l-istess verzjoni li filghodu kienu ihabbtu it-*ticket booth* biex jifthuhom ghac-cavetta biex jidhlu fit-ticket booth idahhlu l-code biex jifthu s-safe. Kemm Katrina kif ukoll Rita ma kellhomx il-code tas-safe u lanqas access ghalih biex jifthuh.

Jistqarr li l-ewwel darba li kien kellem lil Katrina kien dakinhar l-ufficcju meta rrilaxat stqarrija.

**Jean Marc Camilleri** xehed nhar il-5 ta' Lulju 2021 u qal li kien ilu jahdem mal-Malta Public Transport sa mis-sena 2015 u r-rwol tieghu fl-organizazzjoni hi ta' Sales Manager. Jghid li kienu sabu xi deposit bags neqsin u meta ghamel l-investigazzjoni tieghu irrizulta li kienet l-akkuzata Katrina li kellha supost tiehu hsiebhom.

Spjega li l-procedura tal-kumpanija kienet li johorgu charge letter lis-socjeta' dwar dak li kienu qed jahsbu u din tigi iffurmata mis-suspettata f'dan il-kaz mill-akkuzata appellata. Dan id-dokument jgib id-data 4 ta' Lulju 2017. F'dan id-dokument hemm imnizzel li Bugeja naqset li tiddepozita fis-safe l-flus tal-gurnata f'numru ta' dati wahda minnhom l-10 ta' Lulju 2017. Huwa esebixxa dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok JMC.

Spjega li bhala procedura s-soltu fl-ahhar tal-gurnata s-sales agents jiddepositaw l-ammonti li ddikajraw bhala cash gewwa safe deposit bag. Is-safe huwa no return jigifieri tiddeposita d-deposit bag fis-safe u jaqa' fis-safe. Imbaghad imur tas-Security kuljum jigbor id-deposit bags u jatuhom rendikont ta' dak li jkunu gabru. Mistoqsi kif sabu l-boroz neqsin jghid li dak mhux xoghlu izda tal-Finanzi. Mistoqsi jekk kienx

kellem lill-akkuzata jghid li iva u sostna li qaltlu li ma tafx x'inhi l-verzjoni taghha ta' dak li kien gara.

Ix-xhud rega' xehed nhar is-27 ta' Novembru 2021 u qal li kellu bzonn aktar zmien biex jikkompilla xi dokumenti.

Illi nhar is-7 ta' Frar ix-xhud rega' xehed u spjega li s-sales agent irid jaghti servizz lill-konsumatur. Ix-xoghol tal-booth sellers hu li dak li jkun jaghmel top ups fuq Tal-Linja Cards, idahhal il-cash minn dawk it-top ups u fl-ahhar tal-gurnata jaghti rendikont lid-dipartiment finanzjajrju rigward dak li jkun biegh matul il-gurnata. Huwa esebixxa numru ta' emails li t-*ticket officer* kienet baghtet lid-dipartiment finanzjajru taghhom.  Dawn gew mmarkati bhala dok JMC1.

Ix-xhud rega' xehed nhar id-9 ta' Mejju 2022 u pprezenta il-korispondenza Dok JMC2 li ghaddiet bejn il-Malta Public Transport u s-socjeta' City Security.

**Roderick Bajjada** xehed nhar l-5 ta' Lulju, 2021 u kkonferma li jahdem bhala Direttur fil-Human Resources ta' Malta Public Transport. Jikkonferma li Katrina Bugeja kellha kuntratt maghhom full-time bhala sales agent. Muri il-kuntratt esebit fl-awla ikkonfermah. Mistoqsi jekk jafx xi haga fuq il-kaz jghid li sa fejn jaf hu kien hemm xi flejjes li ma kienux gew depositati fis-safe. Wara kienet harget charge letter biex Katrina tidher quddiem il-Bord tad-dixxiplina. Dan il-Bord huwa regolat bil-ftehim kollettiv bejnhom u bejn il-Union. Il-kaz jinstema mic-chairperson li hija persuna indipendenti. Huwa kien involut flimkien mal-management team dwar id-decizjoni tal-akkuzata u kien hu li baghat termination letter lilha. Qal li lilu irrizultalu li Katrina kienet serqet dawn il-flejjes fl-ammont ta' €10,032.93

**Victoria Desira** xehdet nhar il-5 ta' Lulju 2021 stqarret li kienet ilha tahdem mas-socjeta' Malta Public Transport ghal ghaxar snin u lill-akkuzata gharfitha bhala impjegata taghhom.  Murija d-dokument a fol. 29 tghid li hija ittra fejn gharfet lil Katrina bid-dehra taghha quddiem il-Bord tad-dixxilina u dan ghaliex kienet harget charge sheet fuq gross misconduct. Skond il-collective agreement tal-kumpanija irid ikun hemm hearing tad-dixxiplina. F'dan il-kaz harget charge sheet fuq gross misconduct fuq il-lack of deposits u allura hija tohrog ittra ghall-appuntament u tiffisha appuntament ghal hearing. Waqt id-dehra hija kienet tkun tirrapprezenta l-HR department.

Id-dokument a fol. 33 johrog mic-chairman li jkun sema il-kaz.

**Rita Bonavia** xehdet nhar il-5 ta' Lulju, 2021 u kkonfermat li kienet tahdem bhala *ticket seller* ma' Malta Public Transport Ta' Sliema. Qalet li kienet tahdem *day in* u *day out* u meta tkun *out* hi ikun hemm Katrina l-akkuzata li hi gharfet prezenti fl-awla. Spjegat li l-pulizija kienu baghtu ghaliha sabiex tispejgalhom il-procedura dwar il-gbir tal-flus tal-Malta Public Transport. Spjegat li kien imur il-van tas-security u wara li ihabbtilha tiftahlu. Jidhol gewwa u jsakkar il-bieb hu jmur fil-kamra u hija tmur quddiem it-tieqa biex taqdi n-nies. It-tieqa ma tinghalaqx. Hija tibqa' man-nies minkejja li jkun hemm haddiehor fil-kamra. Is-security officer jaghmel dak li ghandu jaghmel jiehu l-envelopes minn gos-safe u jghalaq is-safe. Jiktiblek nota bhala ricevuta li ha dawn il-boroz u jtihulha. Tiftahlu l-bieb u jerga jitlaq 'l hemm. Gol-borza ikun hemm miktub kemm ikun hemm flus u ikun hemm slips of paper. Jidrilha li l-ircevuta li jiffirmaw tikkonferma n-numru tal-boroz li ikunu ngabru.

Fit-ticket booth ikun hemm persuna wahda. Qal li meta ipoggu l-flus fil-borza hem bicca li tinqata bhala ricevuta ta' dik il-borza, u din ikollha serial number. Dan in-numru jitnizzel mis-security officer. Qalet li kellhom *excel sheet* li kienu jimlew bhal prova tas-sales li kienu jghamlu. Tahseb li imin kien impjegat b'kariga ghola minn taghha setgha ikollu access ghaliha. Kemm hi kif ukoll Katrina kellhpom cavetta beix jidhlu fil-booth. Mistoqsija x'kien jigri meta hija jew Katrina ikunu bil-leave tghid lima tafx.

**Eric Farrugia** xehed nhar it-23 ta' Settembru 2021 u kkonferm ali jahdem mal LESA u qabel kien jahdem ic-City Security  bhala courier.  Qal li ghamel dan ix-xoghol ghall-perijodu 2016/2017. Qal li jiftakar li l-pulizija kien baghtu ghalih biex jispjegalhom is-sistema tal-gbir tad-deposits . Filghodu kienu jirraportaw ghax-xoghol ghand Sandro Cosby u dan kien iqasmilhom ix-xoghol  fejn imorru u itiho karta u jghamlilhomil-postijeit fejniridu imorru.  Kienu jitlqu mill-base taghhom gewwa Hal Luqa

Dwar il-gbir tal-flus mit-*ticket booth* ta' tas-Sliema jghid li hemmhekk ma setax imur wahdu u jaqbad u jidhol. Trid thabbat u jifthulek. Qal l ivacetta u codema kellux izda cavetta tal-booth kellu. Wara ipoggu l-boroz fis-safe . Din ikollha bicca karta maghha u din tinqata biex tihalla u ssservi bhala ricevuta. Dn jattacjawha mal-karta li tinghata

lilhom minn tas Security . Kienu jitfghu l-flus bil-karta fis-safe.  Mistoqsi min kien ikun fil-booth jghid li ma jiftakarx ghalkemm kienet mara. Mistoqsi jekk jgharafx xi had fl-awla jghid li le. Qal li l-librett kien ikollu tlett kopji, Bajda safra u roza.  Il-bajda ipogguha mas-sigarella bil-pakkett. Fuq il-koopja ir-roa jitnizzel in-numru tal-boroz u tinghta lid-drivaer tal-vann. L_ammont tal-flus ma jigix indikat fiq dawn il-karti

**Joseph Grima** xehed nhar it-23 ta Settembru 2021 kkonferm ali kien jahdem mas City Security u jiftakar li l-pulizija kienu kelmux fuq xi improprjeta tal Malta Public Transport.

Qal li kien imur fil-booth ta' tas sliema. Kien jidhol fil-booth jghamel il-code, ittih ic-cavetta jew johodha hu. Qal li kien ikun hemm nies differenti pero l-akkzuata gharafha. Qal li kien jiftah is-safe jara x'hemm borozu jghamle it-tlett ricevuti. Idahlu l-boroz fil-unit u dawn jigi registrati mill-unit.

**Mark Gatt** xehed nhar it-23 ta' Settembru, 2021  u kkonferma li kien jahdem mac City Security. Jghid li jiftakar li kienu baghtu ghalih il-pulizija u kienu jidhlu jifthu is-safe. Jirregistra kemm il-borza isib. Jghid li m'ghandux x'jaqsam mal-flus. Jaghti ricevuta dwar il-boroz li jkun Eleva mis-safe u u l-persuna li tkun hemm tghalaq warajh. Mistoqsi jekk jgharafx lill-akkzuata jghid li jista jkun iza kien ghadda wisq zmien . Ma kienux ikunu jafu x'kien hemm fil-boroz . Qal li meta kien jiftah is-safe mieghu kien ikun hemm persuna ohra.

Ix-xhud rega xehed nhar il-25 ta' April 2022 u jghid li l-payment slips qatt ma instabu, jghid li seta kien il-kaz li gew mghoddija lill-pulizija.

**Michael Zammit** xehed nhar it-23 ta Setembru, 2021u kkonferm ali jahdem bhala Security officer ma CITY Security u qal li kien gja spejga kif kient il-procedura tal-gbir tal-boroz mit=ticket booth meta kienbaghat ghalih l-ufficcjal investigattiv. Qal li kien jidhol fil-booth b'xi code u min kien ikun hemm kien jiffirmalu ghall-boroz li kien jigbor. Qal li mhux dejjem kien ikun m axi had meta jidtah is-safe beix jigbor il-boroz. Fuq l-ircevuta kienu jiffirmaw zewg persuni Mistoqsi jekk jgharafx lil xi had fl-awla jghid li le u dan ghaliex iz-zmien kien ghadda. Mistoqsi jekk kienx ikun jaf x'hemm fil-boroz jghid li le u dak ma kienx ta' interess lilu.

**Shanice Camilleri**, Finance Assistant mal-Malta Public Transport xehdet nhar l-1 ta' Novembru, 2021u gharfet lill-akkuzata illum appellate uzda qalet li qatt ma kelmitha

face to face, ghalkemm emails baghtitilha. Qalet li kienet tibghat emails kul xahar biex tavzha jekk kienitx *over* jew *under* u titlobha l-ircevuti bhala prova li iddepositat il-flus fil-boroz. Tghid li ma kienitx tibghat l-ircevuti. Qalet li kienet *under* ghax xahar ta' Settembru, 2,900 euros ghax xahar ta' Novembru zewg boroz fl-ammont ta' €2,800. Dawn l-emails gew markati bhala dok SC.

**Emmanuel Tonna** xehed nhar l-1 ta' Novembru, 2021u qal li spicca bis-servizz mill-korp tal-pulizija fis-sena 2017 u rega dahal fil-korp fis-sena 2020. Bejniethom dahal jahdem mas-socjeta CITY Security bhala *courier*. Fost il-postijiet minn fejn kien jibor il-flus kien hemm il-banek u *ticket booths* fosthom tal-Malta Public Transport. Mistoqsi min kien ikun fil-booths jghid li kien ikun hemm nies differenti. Mistoqsi jgharafx xi had fl-awla jwiegeb fin-negattiv. Qal li kien jidhol fit-ticket booth b'bagalja vojta u permez ta code jifthu s-safe. Dan kien ikun fil-kamra ta' gewwa. Wara li idahhal il-code il-persuna tal-Malt Public Transport kienet ittih ic-cavetta tas-safe. Jifthu jiehu l-borza jghamilha fil-bagalja u jikteb ricevuta u itiha lill-impjegata tal-Malta Public Transport biex tiffirmaha. Qal li kien ikun hemm tlett kopji. Wahda izommha hu, l-ohra itiha lir-rappresentant tal-Malta Public Transport u l-ahhar wahda iwehhilha mal-borza. Mistoqsi x'kien fihom il-boroz jghid li ma kienx fl-interess tieghu.

**Silvio Chetcuti** in rappresentanza tal-Bank of Valletta xehed nhar it-3 ta' Jannar, 2022 ikkonferma li Katrina Bugeja ghandha tlett kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta. Wiehed infetah fl-14 ta' Lulju, 2011 li sas-sena 2021 kellu bilanc ta' €8, ghandha *savings account* li infetah fit-18 ta' Jannar 2012 u kellu bilanc ta' circa €5,000 u *Savings account* iehor lli infetah fir-18 ta' Jannar 2012 li kien fih xi €130. Huwa esebixxxa kopja tal-*opening forms, copy of identification documents, accounts in excel format* minn Jannar 2017 sa Dicembru 2020. Ic-CD b'tali informazzjoni giet markata bhala dok SCCD waqt li l-*hard copy documentation* giet markata bhala dok SC.

**Joseph Mallia** espert Kaligrafu xehed nhar l-20 ta' Gunju, 2022 u kkonferma li kien inghata inkarigu sabiex jghamel esami komparattiv bejn il-firem li hemm fuq chits ta' City Security u jghid li ma setax jghamel ix-xoghol rikjest minnu fuq dawn il-kopji u ghalhekk l-Qorti irrevokat l-inkarigu moghti lilu.

**Pierre Calleja** xehed nhar l-4 ta' Ottubru, 2022 u stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta' Head tas-security ta' City Security. Qal li l-orignal tal-islips jinghataw lil (MTP) Malta Public Transport jigifieri meta ikun hemm *collection* l-original jinghata lil MTP. Saret investigazzjoni interna izda dawn ic-chits originali ma instabux u staqsew lilhom biex jaraw jekk setghux jirkuprawhom jew jekk isibux xi kopji tal-original li kienu tawhom meta ghamlu l-*collections*. Jiftakar li kienu sabu xi haga minnhom, kien skanjhom u ghaddihom lis-sur Gatt biex ighaddihom lil Aaron Falzon. Sussegwentement gew ikkuntatjati mill-pulizija xi sentejn wara u marru ikelmuhom u tawhom rendikont ta' min kienu l-couriers taghhom.

**Dr Laura Calleja** xehdet nhar l-4 ta' Ottubru 2022 u murija id-dokument a fol. 54 tghid li hija taghha u tikkonfermaha.

Franco Masini xehed nhar il-11 ta Ottubru 2022 fil-kapacita tieghu ta chairman tal Malta Public Transport.  Mistoqsi jispjeg air-rikonciljazzjoni li saret fi-konfront tal-akkzuata jghid li ma jafx xi tfisser il-kelma rikonciljazzzjoni. Qal li huwa ppreseda l-Bord tad-Dixxiplina , jmorru quddiemu ghaliex tkun harget charge ta' *misdemeanour* Fl-*operations* tax-xoghol ma jidholx.  Muri fol. 33 u 34  u cioe dok AF2 jghid li dik hi id-decisjoni tieghu u fuqha hemm il-firma tieghu. Qal li dan il-Bord mhux organu gidizzjarju u ghalhekk jimxi a bazi tal-probabilita.

L-akkuzata **Katrina Bugeja** rrilaxxjat stqarrija li tinsab a fol. 77 tal-atti markata bhala dok CC izda sussegwentement  xehdet minn rajha b'mod volontarju nhar il-15 ta' Novembru 2022 u tghi dli hija kellha diversi karigi mal Malta Public Transport. Ghall-ewwel kienet tati l-informazzjoni fuq ir-rotot tal-buses u wara spiccat *ticket seller*. Kienet ilha *ticket seller* xi sentejn.. Ikkonfermat li kient tahdem day in u day out ma Rita u gili kienu jidhlu persuni ohra overtime. Hija kienet stazzjonata fil-booth ta' Tas Sliema u qabel Mater Dei kif ukoll hadmet overtime l-Airport .. Meta kient tispjega ir=rotta tal bus kienet fuq barra u ghalhekk ma kienitx taf x'kien qed isir fuq gewwa. Hija kellha tra li ma tigix under jew over u tiddeposita l-flus u wara tibghat email. L_ghada kient tidhol persna ohra u kienet tiffirma ghall-boroz taghha. Fl-email kient tikteb il-bag number u kemmtkun iddepositat fil-borza.  Mistoqsija kif kient tkun taf li giet over jew under tghid li kienhemm programm fejn tara is-ettlements u kien hemm biegh ta' cards u kemmittopjat cards u tigi f'danil-programm. Tghid li kienet tahdem b'dan il-programm. Kienet taghmel id-deposits

fis-safe u tieqaf hemm L_ghada ikunhemm persuna ohra fis-shift u imur tas-Security u jigbor il-borza  Il-hin taghha kien mis-7.000 a.m sas 7.00 p.m mit-Tnejn sal Hadd u is-security van kienimur ghall-habta ta nofsinhar.

Spjegat li meta ts-security jigbru l-boroz hi ma tkunx maghhom . Hija kient tibqa taqdi in-nies u tas-security jidhol fil-kamra wahdu. Kienet tiffirma l-karta izda ma kienitx tkun taf xnorza qed jitfa  ghax ma kienx ikunhemm hand over.  Hija pprezentat *video* ta meta kienet tiddeposita il-boroz fis-afe li gie markat bhala dok KB. Evidenza ma kellhiex li kienet tiddeposita il-boroz ghaliex kienet tkun wahedha. Qalet li l-Malta Public Transport kienu infurmawha b'dan in-nuqqas f'Dicembru 2017 u kienu baghtulha xi emails u hija wegbithom. Dawn gew markati bhala dok KB1.  Qalet li hija dejjem tefghet il-boroz fis-safe. Qalet li l-Malta Public Transport allegat li kienet hadet is-somma ta' €17,209.34 pero sakemm inghatat is-sentenza tal-Bord l-ammont kien naqas ghal €9,450.24. L-ammont kien nizel ghaliex kienu hadu zbal fid-dati ( vide dok KB3).

Wara dan tghid li hadulha xi hames mija (€500)  mill-paga u minn dak in-nhar 'l hemm ma reggghetx dahlet ghax-xoghol hemmhekk Mistoqsija kif kienet tpoggi l-flus fis-safe tghid li kienet tkun wahedha Qalet li fuq wara tal-borza jew fuq sheet kienu jiktbu l-ammont ta' flus li kienikun hemm fil-borza. Fuq il-borza kien ikun hemm il-bag number biss. L-emails kienet tibghata lil Shanise. Wara li allegatament sabu l-boroz neqsin talbuha tmur l-ufficcju biex tkelllimhom. Meta kienu imorru tac CITY security kienu jiffirmaw xi haga u jghidulha in-numru tal-bag. Ghal boroz taghha kienet tiffirma ta warajha. Qatt makien ikollh arendikont tal-gurnat ta qabel x'halliet Kienu jibghatu email u xejn iktar.

Rat it-traskrizzjoni tat-trazzjoni maghmul amill-partijeit li tinsab inserita fl-atti

Illi din l-Onorabbli qorti tabbraccja dak li stqarret l-ewwel Qorti li mhux il-kompitu tal-Qorti biex taghmel analizi tal-kontrolli u skrutinju li kien jew ahjar li kellu isisr u li kellujigi esercitat fuq dhul ta-socjeta Malta Public Transport . Jirriuzlta bic-car li kien biss xhur wara li kien hemm dawn l-allegati depositi li gie svelat dan in-nuqqas j        jew ahjar li kienhemm flejjes nieqsa li ma gewx depositati.. LI hu zgur pero u

ta serjeta kbira hija li l-ircevuti li fuqhom kienu jiffirmaw it-ticket sellers jew ahjar kopji tghhom li suppost jinzammu mill-entitajiet involuti sparixxew minghajr ebda tracca.

Li qd jigi allegat f'din il-kawza hu li intbaghtu daily settlements ta boroz li baqghu att ma ingabru mir-rappresetnnatni ta City Security li wara kollox kien hu biss reponsabbi ghal gbir ta' dwn il-boroz mis-safe tal-Malta Public Transport. Interessanti li tali representant kien jikteb is-serial number fuq il-boroz li jigbor u jghati kopja lil min ikun qieghed hemm ghan nom tal Malta ublic Transport. Jirrizulta pero l kienhem numru ta boroz li ma instabux jew ahjar li ma ingabrux.

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti irrizulta li l-akkuzata appellata kienet tircievi l-flejjes minn klijenti tal-Malta Public Transport flejjes li ghalkemm baghtet rendikont tahom fi tmiem il-gurnata tax-xoghol tghha ma sabux posthom fis-safe fejn kellhomjigu depositati. L-akkzuata tghid li ma zammitx l-ircevuti ghaliex ghaliha ma kienux important. Pero zgur li l-akkzuata ma kientix xi novizza u ghalhekk huwa nuqqas kbir taghha li ma tatx importanza ghal fatt li ma zammitx l-ircevuti tad-depositi li ghamlet u li in segwitu gew migbura. . Kellha kul interess li izomm if-fetahable slip bie tkopri l-passi taghha stante li fuq dan id-dokument kienhemm is-erial number tal-borza kontenenti flus.

Illi in konkluzjoni din il-Qorti hija sodisfatta li l-proskeuzzjoni irnexxilha tipprova Li kienet l-akkzuata li gabret il-flus minghand il-klijenti tal-kumpanija Malta Public Transport u zammet uhud min dawn il-flesjjes ghaliha jew ahjar ma iddepositathomx fis-safe kif kellha taghmel. Illi sta ghal din il-Qorti tara jekk tali agir jaqax taht ir-reat ta' Miapproprjazzjoni jew Frodi kif del resto giet akkuzata jew jekk tali fatti jaqawx taht reat iehor u cioe dak ta' serq kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

**Tifsira legali tar-reati**

**Ir-reat ta misapproprazzjoni**

L-Artikolu li jikkontempla dan ir-reat in kwistjoni huwa **l-Artikolu 293** tal-kodici Kriminali- Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Kull min japproprja ruhu , billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra , minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat jehel meta jinsab hati ......."*

Skond is-sentenza deciza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Concetta Charles**[4] gie ritenuto li skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approrazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. *"Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit li s-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq.*

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita".*

Fuq dan il-punt il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta'Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ali**

[4] Deciza nhar l-20 ta' Settembru 2011 deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhaa Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l'oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-Artikolu 293 tal-Kodici taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat.[5]

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:-

> *"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo.[6]"*

**Carrara** fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

> *" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato.[7]"*

[5] (ara Crivellari dei reati contra la proprieta – pg. 498; ediz. 1998).
[6] para 1020
[7] (vol 4. para 284)

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph Mifsud** deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali**; Il-Pulizija v Joseph Richmond et** deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; **Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u **Il-Pulizija v Emanuel Cassar** deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.

Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano jghid:

> *"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede.*[8]*"*

Il-Qorti hasset li l-imputata kienet qed tilghab bil-kliem, u dan ghaliex kif del resto gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax ta' April 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Falzon**, element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-'*volontarieta delle conversione con scienza della sua illegitimita e del fine di lucro*[9]' .

Huwa minnu li hemm certi awturi bhal **Giovanni Giuffre'** li jghid li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett jinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma [profitt li del resto m'ghandux ghalfejn ikun wiehed pekunarju]. Tali intenzjoni izda, jrid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-

---

[8] Vol. V pg. 347

[9] Maino Op. Cit. p. 105

restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza tal-eventwali restituzzjoni. Tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet, timmanifesta ruhha fir-restituzzjoni effettiva w immedjata, li f'dan il-kaz ma sehhitx. Pero', anke f'din l-ipotesi, ma kien hemm l-ebda restituzzjoni tal-flus.

Il-**Maino** fil-ktieb tieghu " Commento al Codice Penale Italiano" jghid:-:

> *" La appropriazione indebita si consuma col disporre della cosa*
>
> *contro la legge del patto stipulato a buona fede*[10]*".*

Sentenza ohra ta' interess fuq il-materja hija dik deciza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** [11] fejn gie ritenut li:-

> *Il-Qorti a' l-Appell irrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn sabet ill-appellant hati tar-reat ta' misapproprijazzjoni u dan ghaliex irriteniet li :-"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib miehu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsejatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur* u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."

---

[10] UTET (Milano), 1922, vol.IV, pagna 104

[11] Deciz nhar l-14 ta' Frar 1997 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali Inferjuri (VCC)

Il--Qorti ta' l-Appelli fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Muscat** [12]irriteniet li *"l--element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat."*

*Il-Qorti a' l-Appell irrevokat dik il-parti tas-sentenza fejn sabet ill-appellant hati tar-reat ta' misapproprijazzjoni u dan ghaliex irriteniet li :-"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib miehu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsejatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Fil-kaz in desamina ma jirizultax li l-appellat ottjena l-flus tal Malta Public Trnsport minghand is-suggett passiv izda l-flus gew moghtija lilha minn terzi persuni li kienu qed jgamluuzu mill-Malta Public Transport u ghalhekk dan ir-reat ma jistax jirrizulta stante li l-ewwel element imsemmi aktar 'l fuq fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija Conceta Charles** kien mankanti.

Fit-tieni kaz l-appellat gie akkuzat bir-reat ta' frodi, u kif tajjeb gie decciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis** [13] *"Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita, in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggett li minnu jsir profitt indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mil-konsenjatarju,*

---

[12] Deciza nhar it-3 ta' Marzu 1997 mill-Qorti a' l-Appelli Kriminali (VCC)
[13] Deciza fit-12 ta Dicembru 1959 mill-Qorti a' l-Appelli Kriminali

*mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe' minghajr ingann. Fit-truffa l-ligi riedet rimpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu. Ghalkemm minhabba f' din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mit-truffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali l-lezzjoni tad-dritt tal-proprjeta', jew dritt iehor reali, minghajr il-vjolazzjoni tal-pussess; u huma t-tnejn talvolta maghrufa fid-dottrina bhala "furto improprio". Minhabba din l-affinita' guridika u naturali taz-zewg reati, jekk l-imputat gie kundannat bhala hati ta' approprjazzjoni ndebita, u f' appell li jaghmel mis-sentenza jsostni li l-fatti jikkostitwixxu truffa, jekk qatt, u mhux approprjazzjoni ndebita, il-Qorti tal-Appell ma tistghax tillibera l-imputat, ankorke' kellha tkun tal-opinjoni illi l-pussess tal-flus gie mill-imputat ottenut per mezz ta' ngann taht forma ta' pretest li jadoperahom skond ix-xewqa ta' min fdahomlu f' idejgh."*

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph Mifsud** deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; **Il-Pulizija v Joseph Richmond et** deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; **Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia** deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u **Il-Pulizija v Emanuel Cassar** deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.

Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Charles Zarb**[14] –Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steliolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-Kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis. Il-ligi taghna tittratta fuq il-frodi fis-sub-titolu III tat-Titlu IX tat-tieni ktieb taqsima tal-

[14] Deciz nhar it- 22 ta' Frar, 1993 - Appell Kriminali Inferjuri (CA)Nru. 135/92

ewwel ktieb tal-Kodici Kriminali u dan id-delitt kif sejjer jinghad aktar il-quddiem gie diversi drabi ikkummentat minn din il-Qorti diversament presjeduta u anke kif presentement presjeduta ghal kwazi mitt sena b'certezza konsistenza. Din il-Qorti ghal kull buon fini taghmel riferenza ghas-sentenza taghha stess kif illum presjeduta tat-2 ta' Lulju 1979 in **re <u>il-Pulizija vs Mario Schembri</u>** fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan ir-reat fis-sistema nostran kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mill-ligi taghna ghal biex jigi integrat ir-reat ta' truffa.

Skond gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif presjeduta tqabel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-pulizija vs Charles Zarb[15]</u>** inghad li bhala elementi tar-reat jesistus-segwenti:-

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed tittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem li jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti id-delitt tat-truffa kull min

(a) b'mezzi kontra l-ligi, jew

(b) billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz jew,

(c) ta' kwalifiki foloz, jew

(d) billi jinqeda b'qerq iehor, u

(e) ingann, jew

(f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,

(g) jew ta' hila

---

[15] Ibid supra

(h) setgha fuq haddiehor, jew

(i) ta' krediti immaginarji, jew

(j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Fis-sentenza tas-27 ta' Mejju 1975 moghtija mill-Qorti Kriminali komposta minn tlett Imhallfin fil-kawza **Rex vs Victorio Azzopardi** [16] dik il-Qorti ccitat estensivament minn **Chaveau et Helie** u anke minn sentenzi tal-Qorti ta' Kassasjoni ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F'dik il-kawza ssemmiet ukoll is-sentenza **Regina versus Giuseppe Galea** tat-12 ta' Mejju 1887 fejn gie stabbilit illi "*che per costituire la frode sotto la disposizzione di quel articolo 282 (illum 308) non e' necessaria bla concorenza fi ambedue i mezzi menzjonati nell' atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti.*"

Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna u ta' din il-Qorti specjalment. Hekk l-Imhallef W. Harding tas-27 ta' Mejju 1944 in re **il-Pulizija vs Nikol Bonnici** qal "il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha..... waslet ghal konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik acecttata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza **Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck** deciza fit-2 ta' Jannar 1896 li fiha intqal illi "*quel articolo non rchiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma riechede inoltre che siano state imegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' neccessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.*"

---

[16] Vol. XXIX – IV – p.398

Il-mibki Imhallef Guze Flores fil-kawza **Il-Pulizija versus Carmelo Cassar Parnis** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta; Ottubru 1959 segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhhu kif gej: "*Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskritittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falzita' prospettata bhala vera u b'hekk bhal mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjeri tal-frodatur. Il-Ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Fritt Franciz mise en-scene.*

L-istess interpretazzjoni l-Imhallef Flores irrepetieha fis-sentenza tieghu fil-kawza **il-Pulizija versus Schreiner** deciza fit-3 ta' Marzu 1956 u fil-kawza **Il-Pulizija vs Gerald Portelli** deciza fis-7 ta' April 1956.

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe kwantu jirrigwarda id-*dolo* ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun, fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "*hi hsara ta' haddieho*r" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.

> *"... element essenzjali fir-reat tat-truffa hija l-konsenja tal-oggett u fiz-zmien meta l-imputat kien qed jipprova jikkonvinci lill-Busuttil li mhux ser ikun hemm problemi dwar hlas li kien diga' dovut minhabba li kien qieghed jistenna flus beix jithallas minghand haddiehor, il-konsenja diga' saret".*

Illifil-kaz in desamina ghal darb ohra jinghad liid-dirigenti tal-akkuzata u cioe rappreentanti ta malta Public Transport ma fdaw xejn f'idejn l-appellata izda il-flus

li irceviet irceviethom minn terzi persuni, liema flejjes kellhom suppost jigu avvanzati lill-istess socjeta Malta Public Transport. Illi l-flejjes qatt ma inghataw lill-appellata taht xi forma ta' grajja chimerika jew taht pretensjoni falsa, izda inghataw lilha ghal skop tajjeb mill-klijentai ts-socjea li thaddem lill-appellata u dan skond l-impieg li kellha.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta alet li l-fatti spescie ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta serq. Issa jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista *prima facie* tidher facili u ta' intelligenza vulgari, mandankollu, r-reat ta' serq dejjem ta lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali.

Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fi Programma Speciale [17]; (vide Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanti** [18].

Il-**Carrara** jghid:

> *"Il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti s-serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:

a. il-contractatio tal-haga;

b. li tappartjeni lil terzi;

c. li gew maghmula b'mod frawdolenti; u

[17] Vol IV, para 2017
[18] Deciz fid-9a ta' Sdicembru, 1944 – vol XXXII(e); IV – 814

d. animo lucrandi.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contracetatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, nridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti *sine qua non* biex jigi ppurvat s-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss t-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist – *animo di farne lucro.* Il-*contracetatio* ma hiex bizzejjed, imma hemm bzonn li tkun saret *invito domin*o u *luci faciendi gratia.*

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale kif jghid **Manzini**

*"… presupposto essenziale del furto e' la mancanza del posesso del agente."*

Ghalhekk kif tajjeb spjiegat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v S. Pisani,** deciza nhar d-dsatax ta' Frar, 1942, sabiex tezisti il-vjolazzjoni tas-serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intuwittiv li l-kunsens tas-sid jidderimi r-reat ta' serq.

**Carrara** izid jghid fil-ktieb tieghu Programma Speciale[19] li;

*"il dolo specifico del furto consiste nel'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uzo della cosa altrui."*

[19] Vol IV; para 2035

Illi ghalhekk kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti l-akkuzata illum appellate kellha tigi akkuzata bir-reat ta' serq u tajjeb osservat l-ewwel Qorti li din il-Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 476 (2) tal-kodici kriminai u dan ghaliex dan l-artikolu ma hux wiehed mid-disposizzjonijiet li gew rezi applikabbli ghal Qorti tal-Magistrati bis-sahha tal-artikolu 525 tal-Kodici.

Ghalhekk din il-Qorti issib li l-ewwel Qorti kienet korretta meta illiberat lill-appellata minn kul imputazzjoni u piena u tiddikjara li is-sentenza moghtija minnha kienet wahda '*safe and satisfactory.*'

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**